*Victim Status*

*L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokol (Kap 319)*

*'possediment' jew 'bien'*

*Art 37u 45 tal-Kostituzzjoni*

*Art 14 tal-Kap 319*

*Foremen tal-Haddiema tal-Port*

*Licenzja ta' Foreman*

*Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Avv.Legali 437/2007*

*'Binding Precedent'*

*Legittimu Kuntradittur*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 13 ta' Ottubru 2016

**Kawza Numru : 2**

**Rikors Kostituzzjonali Numru : 42/2014/LSO**

***13 ta' Ottubru 2016.***

**Grech Reginald (KI 358147M), George Cini (KI 1055447M) Carmel Schembri (KI 532350M) Francis Portelli (KI 888250M) Anthony Parnis (KI 1057748M), Sebastian Gatt (KI 586049M) Rosario Chircop (KI 276951M), Luciano Spiteri (KI 188450M) Mario Spiteri (KI 745152M).**

**vs**

**Onor. Ministru ghat-Trasport u L-Infrastruttura**
**Onor. Ministru Ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar**
**Avukat Generali**
**Awtorita` ghat-Trasport f' Malta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Reginald Grech, George Cini, Carmel Schembri, Francis Portelli, Anthony Parnis, Sebastian Gatt, Rosario Chircop, Luciano Spiteri u Mario Spiteri datat 11 ta' Gunju 2014 fejn esponew: -

Illi ir-rikorrenti huma kollha ex *Foremen* licenzjati tal-port;

Illi r-rikorrenti u l-bqija tal-*Foremen* Tal-Haddiema tal-Port Licenzjati kollha fil-fatt kellhom licenzja li kienet tiggedded kull sena u li kienet regolata mill-Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi kif anki gie dikjarat mill-Qrati Maltin din il-Licenzja li kellhom dawn l-ex *Foremen* tikkostitwixxi possediment u proprjeta` ghall-ghanijiet tal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenjoni Ewropea. Dan jirrizulta minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, datata 1/10/2009 fl-ismijiet Victor Spiteri vs L-Avukat Generali et Qorti Kost numru 1/2008/1) fejn fiha l-Onorabbli Qorti ddikjarat:

*"Li Licenzja ta' negozju ghandha titqies bhala possediment tutelabbli hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza. Licenzja ghandha valur monetarju li biha persuna taqla' l-ghixien taghha u tal-persuni li thaddem jew li jiddependu minnha."*

Illi fis-sena 2007 kienet sehhet riforma fil-portijiet Maltin fejn fiha gew negozjati ftehim separati ma' diversi entitajiet (Service Providers) li kienu jipprovdu s-servizzi taghhom fil-portijiet Maltin, fosthom il-haddiema tal-Port, *tally clerks*, u anki l-*Foremen* tal-Haddiema tal-Port. Ir-rikorrenti ghalkemm kienu *Foremen* tal-haddiema tal-port ma kienux parti f' dan il-ftehim ghar-ragunijiet spjegati aktar 'l isfel;

Illi fost affarijiet ohra fil-ftehim mal-*Foremen* tal-Haddiema tal-Port gje miftiehem illi l-prattika tax-xoghol tinbidel u fil-

fatt il-*Foremen* kellhom jigu ikkontrattati mit-Terminal Operator minflok direttament mill-agent tal-vapur kif kienet il-prassi qabel il-ftehim. Kien hemm qbil ukoll li n-numru ta' *Foremen* licenzjati kellu jonqos ghal dsatax. Fil-ftehim kien hemm ukoll qbil li tigi ffurmata koperattiva fost dawn il-*Foremen*. Fil-fatt din il-koperattiva giet furmata;

Illi fis-sena 2007 meta sehhet din ir-riforma, ir-rikorrenti kienu kollha bejn l-eta ta' 55 u 60 sena kif jista' jigi kkonfermat min-numru tal-karta tal-identita` ta' kull wiehed minnhom u ma' kienux qeghdin jaqblu kif kien qieghed jigi negozjat il-ftehim; Dok A 1 sa Dok A 7;

Illi qabel ir-riforma u l-Hrug tal-Avviz Legali numru 437/2007 fil-Kap 171 qatt ma' kien hemm klawsola li tghid u tesigi illi l-licenzja ta' *Foremen* kienet tigi revokata jew mhux imgedda awtomatikament mal-gheluq ta' wiehed u sittin sena;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti dak iz-zmien "*Foremen* tal-Haddiema tal-Port" kienu "self employed" bhal kull "self employed" iehor li ghandu negozju, licenzja jew *warrant*; u l-licenzja kienet tiggedded kull sena sakemm ma jkunx hemm raguni valida ghas-*sospensjoni minhabba xi nuqqas, abbuz jew negligenza* min-naha tal-*Foreman* partikolari;

Illi fil-fatt fis-sena 2007 kien hemm *Foremen* tal-haddiema tal-Port licenzjati li kellhom iktar minn sebghin sena u kienu ghadhom jahdmu bil-licenzja;

Illi waqt li kienu qeghdin isiru t-tahditiet biex jaslu fi ftehim mal-Awtoritajiet u cioe` mal-Ministru responsabbli mit-Trasport u mill-Ministru ghall-Kompetittivita u l-Komunikazzjonijiet, il-Ministru koncernat mill-portijiet kien tenna lir-rikorrenti u *Foremen* ohrajn illi l-licenzja ma kinetx sejra tiggedded ghal dawk minn fost il-*Foremen* li kienu ghalqu l-wiehed u sittin u li minn dakinhar tal-ftehim, kull wiehed minn dawn il-*Foremen* li jaghlaq il-wiehed u sittin (l-eta` penzjonabbli) kien ser jigi sfurzat jirtira u l-licenzja tieghu ma kinetx sejra tiggedded;

Illi dawn ir-rikorrenti flimkien ma' ohrajn ghall-ewwel ma qablux u sostnew mal-Union Haddiema Maghqudin UHM (Il-Union li kienet qieghda tirrapprezentahom fit-tahdidiet mal-Awtoritajiet), illi l-licenzja kienet proprjeta` taghhom u li l-Gvern ma setax jaqbad u jiehu din il-licenzja minghajr ma jkollu raguni valida biex jaghmel hekk skont il-ligi. Huma sostnew illi l-Gvern ma jagixxix b'dan il-mod ma' min qieghed fl-istess pozizzjoni taghhom u cioe` ma' min ghandu hanut jew min ghandu *warrant* ta' professjonist sakemm ma jippruvax illi dik il-persuna kienet wettqet xi haga li tipprovdi raguni tajba sabiex titnehha l-licenzja jew *warrant*. Ghalhekk huma kienu ser jigu diskriminati meta mqabbla ma' haddiema *self employed* bhalhom;

Illi l-UHM kienet indikatilhom li l-Ministru kien lest li johrog avviz legali u jinforza dan l-irtirar tal-licenzji b' impozizzjoni;
Illi fil-fatt il-Ministru koncernat kien ippubblika Avviz Legali nru 437/2007 - Regolamenti tat-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port (Emenda numru 2)

- fl-24 ta Dicembru 2007 u dawn ir-Regolamenti dahlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2008;

Illi dan l-Avviz Legali huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea peress li hareg oltre l-poteri tal-Ministru koncernat li aggixxa *Ultra Vires* peress li huwa kellu biss il-poter li jaghmel regolamenti meta *Foreman* **jista'** jirtira u mhux meta **ghandu** jirtira. Illum dan il-fatt gie deciz mill-Qrati Maltin - ara sentenzi fl-ismijiet Anthony Attard et vs Union Haddiema Maghqudin et (cit nru 60/2007 deciza fis-26 ta' Settembru 2013 u appell Civili 60/2007/3, deciza fl-10 ta' Marzu 2014) kif ukoll Victor Spiteri vs L-Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Ottubru 2009 (cit nru 1/2008/1) illum kollha *res judicata*;

Illi fl-istess zmien li saru d-diskussjonijiet bdew negozjati dwar proposta ta' Skema ta' irtirar kmieni u ghalkemm ir-rikorrenti flimkien ma' *Foremen* ohra kienu riluttanti li jaccettaw din il-proposta, billi kien hemm fosthom min kien fadallu biss sena jew sentejn biex jaghlaq il-wiehed u sittin, huma bezghu illi jekk ma jiehdux din l-iskema huma kienu ser jibqghu b'xejn *in vista* tal-avviz legali fuq indikat. Dan ghaliex filwaqt li huma kienu kwazi lahqu l-eta` penzjonabbli, kien hemm hafna *Foremen* ohrajn illi kienu ghadhom zghar fl-eta` li kienu qeghdin jinnegozzjaw ftehim iehor li kif gie diga` spjegat, fost affarijiet ohra kien jinkludi l-fatt li ssir koperattiva tal-*Foremen* li tkun tista' tiehu x-xoghol kollu tal-Port u tkun direttament moghtija x-xoghol mill-Valletta Gateway Terminals (VGT) li kienet il-

kumpanija li hadet it-*tender* biex tmexxi l-Port il-Kbir ta' Malta fejn jidhol merkanzija;

Illi *fit-2 ta' Frar 2008, jigifieri* madwar xahar u nofs wara li hareg l-Avviz Legali 437/2007, ir-rikorrenti flimkien ma' kull *Foremen* iehor li kien ghalaq il-55 sena ircevew ittra mill-Awtorita` Marittima ta' Malta (Illum Awtorita` ghat-Trasport f' Malta) fejn fiha gew mgharrfa illi b'arrangament bejn il-UHM u l-Awtoritajiet kienet qed tigi introdotta skema ta' irtirar kmieni ghal dawk il-haddiema li f'Novembru 2007 jkunu lahqu l-eta` ta' 55 sena (DOK B). Ir-rikorrenti iffaccjati bl-avviz legali u b'din l-offerta hassew li huma ma kellhomx triq ohra hlief li jaccettaw din il-proposta/Skema u ghalhekk iffirmaw l-ittra annessa u mmarkata bhala Dok C. Il-fatt li huma ma kienux litigjuzi u bezghu johduha kontra l-Gvern u l-leglislazzjoni ma ghandux jippregudikahom. Huma ghalhekk ghandhom jiehdu dak li hadu ohrajn permezz ta' litigazzjoni fil-Qorti.

Illi kif diga` inghad, uhud mill-*Foremen* illi kienu fl-istess pozizzjoni tar-rikorrenti ghazlu illi ma jaccettawx li jidhlu f' din l-iskema u minflok huma bdew proceduri fil-Qorti Civili Gurisdizzjoni Kostituzzjonali (rikors numru 60/2007 u rikors numru 1/2008) fejn allegaw illi l-avviz legali 437/2007 kien ser jikser id-drittijiet fundamentali taghhom u cioe` ksur tad-dritt tal-proprjeta` kif jinsab fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea).

Illi fil-kaz tar-rikors numru 60/2007, fis-sentenza parzjali taghha tas-7 ta' Novembru 2011, din l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi:

*"Nkiser il-jedd tal-atturi ghall-harsien tal-proprjeta` taghhom taht l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll, safejn, bis-sahha tal-Avviz Legali 437 tal-2007 li ma jiswiex ghax ultra vires f'dik il-parti tieghu li jistabbilixxi l-eta` meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xoghol, ma ggedditx il-licenzja taghhom ta' Foremen tal-Haddiema tal-Port" – illum ikkonfermata fl-appell.*

Illi fl-istess rikors nru 60/2007 fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2013 din l-Onorabbli Qorti b' sentenza finali, iddikjarat illi :

*"Illum m'hemmx lok li tinghata lura il-licenzja ghaliex fit-2 ta' Frar 2008 kien sar ftehim mal-Gvern u li bih gie miftiehem li x-xoghol ta' Foremen jinghata lill-Koperattiva. Ir-rikorrenti ma kienux parti ghal tali ftehim u wara t-trapass ta' dawn is-snin ir-rikorrenti tilfu xogholhom. L-offerta li jinghataw lura il-licenzja wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju 2012 kienet ghalxejn ghaliex ir-rikorrenti kienu diga` ilhom numru ta' snin li tilfu l-licenzja u ghalhekk xogholhom. Fil-fehma tal-Qorti l-uniku rimedju effettiv li jibqa` hu hlas ta' kumpens."* - Konfermata fl-Appell.

Illi minn din id-decizjoni citata kif ukoll dik tal-Appell (60/2007/3) johrog car illi l-Awtoritajiet kienu zbaljaw meta imponew eta` ta' irtirar ta' wiehed u sittin sena lill-*Foremen*

tal-Haddierma tal-Port u infatti gia fil-mori tal-kawza l-Awtoritajiet kienu ppruvaw joffru l-licenzja lura lil dawk il-*Foremen* li kkontestaw l-Avviz Legali 437/2007. Din l-offerta li tinghata l-licenzja lura diga` hija forma ta' ammissjoni li l-Avviz Legali jikser id-drittijiet fundamentali tal-*Foremen* tal-Haddiema tal-Port;

Illi fis-sentenza taghha din l-Onorabbli Qorti tat kumpens li jammonta ghall-medja ta' qligh li kull wiehed mill-atturi kien jaghmel fis-sena qabel tnehhietlu l-licenzja fl-eta` ta' wiehed u sittin u dan ghal perjodu sal-eta` ta' 71. Din l-eta` ta' wiehed u sebghin sena ma gietx iffissata bl-addocc imma kienet l-eta` li kellu wiehed mill-*Foremen* licenzjati fis-sena 2008 meta hareg dak l-avviz legali u ghalhekk kienet giet awtomatikament revokata il-licenzja tieghu minghajr ma inghata l-ebda kumpens. Dan il-*Foremen* kien Victor Spiteri li kien beda wkoll proceduri Kostituzzjonali fuq l-istess linja tal-atturi fil-kawza l-ohra - Victor Spiteri vs L-Avukat Generali et deciza favur l-attur (cit nru 1/2008/1).

Illi fil-fatt illum dan il-*Foreman* Victor Spiteri laqa' l-offerta tal-Awtoritajiet li jiehu l-Licenzja lura u ghalkemm ghandu madwar sitta u sebghin sena regghet inghatatlu l-licenzja lura ghax ghazel dik l-offerta flok kumpens fi flus mill-Awtoritajiet;

Illi l-kumpens komplessiv li gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Anthony Attard et vs Union Haddiema Maghqudin et (cit nru 60/2007/3) deciza fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, kien jammonta ghal

€729,413 f’ danni pekunjarji (mahduma fuq telf ta’ qligh mill-eta` ta' 61 sena sa dik ta' 71 sena) u l-ammont ta' €8000 f’ danni non-pekunjarji.

Illi fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anki d-dikjarazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti fil-kawzi citati, ir-rikorrenti jhossu illi l-Avviz legali 437/2007 ukoll kisrilhom id-drittijiet taghhom kif koperti mill-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-1 artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex permezz tal-istess avviz huma kienu indirettament imgeghla jiehdu l-offerta tal-iskema ta' irtirar kmieni.

Illi fid-dawl ta' dawn id-decizjonijiet huwa fatt ukoll illi r-rikorrenti fil-kawza odjerna gew diskriminati meta mqabbla ma' *Foremen* ohra li kellhom l-istess licenzja bhalhom u li kienu fl-istess cirkostanzi taghhom. Dan gara kemm meta mqabbla mal-*Foreman* li inghata l-licenzja lura fl-eta` ta' sitta u sebghin sena kif ukoll meta mqabbla mal-*Foremen* l-ohra li issa gew kompensati ghat-telf tal-licenzja sal-eta` ta' wiehed u sebghin sena (u mhux sa wiehed u sittin sena) u dan bi ksur tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-konvenzjoni.

Huma gew iddiskriminati wkoll ghaliex huma gew indirettament sfurzati jaccettaw l-iskema tal-irtirar kmieni peress li huma ma kienux f’pozizzjoni li jirrifjutaw dik l-offerta ghax hassewhom kostretti bl-Avviz Legali numru 437/2007 li kien jistipula illi huma kienu ser jispiccaw mix-xoghol fl-eta` ta' wiehed u sittin billi tigi awtomatikament revokata il-licenzja taghhom. Huma hassewhom zghar

wisq fejn il-Gvern u gew intimidati mill-Gvern anke bil-hrug tal-Avviz legali 437/2007.

Illi b'hekk ir-rikorrenti gew inghataw kumpens hafna inqas fl-ammont u ghal hafna inqas snin minn persuni li kellhom l-istess licenzja u ma' persuni li kienu fl-istess cirkostanzi taghhom. Dan ghaliex bl-oghtja lura tal-Licenzja lil Victor Spiteri issa gie stabbilit li l-licenzja m'ghandhiex tigi revokata malli *Foreman* jaghlaq wiehed u sittin sena.

Illi l-Awtoritajiet Intimati gew interpellati permezz ta' ittra gudizzjarja Dok D - sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti imma huma baqghu inadempjenti u kien ghalhekk li r-rikorrenti kellhom jinterponu dan ir-rikors odjerna.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil Din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-licenzja bhala *Foremen* tal-Haddiema tal-Port, li kellhom ir-rikorrenti u li kienet ilha ghandhom ghal zmien twil, hija possediment u ma setghetx tittehdilhom hlief kif kien stabbilit fil-ligi qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali numru 437/2007

2. Tiddikjara li kull ftehim impost fuqhom biex jirtiraw mix-xoghol kif ukoll in-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja u, jew il-fatt li r-rikorrenti gew kostretti permezz tal-Avviz Legali 437/2007, biex jirtiraw, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi kif imhares taht l-artikolu 1 tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Tiddikjara illi permezz tal-hrug tal-Avviz numru 437/2007 ir-rikorrenti gew indirettament imgeghla jiffirmaw l-iskema ta' irtirar kmieni u b'rizultat ta' hekk huma gew diskriminati meta mqabbla kemm ma' kull persuna ohra li jkollha proprjeta` taghha li tittiehed ingustament u kif ukoll meta mqabbla ma' diversi *Foremen* ohra bhalhom li jew regghet iggedditilhom il-licenzja jew inghataw kumpens xieraq li jirrispekkja t-telf ta' qligh taghhom sal-eta` ta' wiehed u sebghin sena u dan bi ksur car tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni meta mehudin flimkien mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll;

4. Taghti dawk il-provvedimenti li jkunu mehtiega sabiex dan il-ksur tad-drittijiet tal-atturi jigi sanat u taghti kull rimedju xieraq kontra dan il-ksur, inkluz il-hlas ta' kumpens sabiex jaghmel tajjeb ghat-tehid ta' din il-licenzja.

5. Tordna lill-Intimati sabiex jattwaw ir-rimedju moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-atturi fi zmien qasir u perontorju fissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa qed jigu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-8 ta’ Lulju 2014.

**Rat ir-risposta Kostituzzjonali tal-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta datata 4 ta' Lulju 2014 a fol 28 tal-process fejn esponiet :**

L-Awtorita` esponenti giet notifikata bir-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet fuq citati. Hija ssostni illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'din ir-risposta. Qabel tghaddi biex tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghar-rikors promotur, l-Awtorita` pero` thoss li ghandha tispjega l-isfond fattwali li wassal ghall-kaz in ezami.

**1.0 Fatti tal-kaz**

Illi l-fatti illi taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

Mhux kontestat illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri, sal-2008 kellhom licenzja bhala *Foremen* tal-haddiema tax-Xatt skont il-Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta [l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port]. Il-licenzja taghhom kienet tiskadi fl-ahhar ta' kull sena, pero` taht il-ligijiet applikabbli *setghet* tiggedded mill-Awtorita`.

*Foreman* huwa haddiem *self-employed* u xoghlu huwa essenzjalment li jorganizza l-haddiema tal-port skont il-bicca xoghol u jirraprezentahom mal-agent tal-bastiment.

Fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet, bejn April 2006 u l-1 ta' Novembru 2007, saru diversi laqghat bejn *Negotiating Team* appuntat mill-Gvern u l-*Foremen* kif rapprezentati

mill-Union Haddiema Maghqudin li kienet tirrapprezenta l-maggoranza tal-*Foremen* licenzjati.

Wiehed mill-punti li ntlahaq qbil fuqu kien illi l-*Foremen* jibdew jirtiraw ta' l-eta ta' wiehed u sittin (61) sena, li hija l-istess eta` stabbilita fil-ligi ghall-irtirar ta' *port workers.*

Dan il-kap tal-ftehim gie eventwalment rifless fl-Avviz Legali numru 437/2007, mahrug mill-Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni fl-24 ta' Dicembru 2007, liema avviz legali datial fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2008 l-Avviz Legali stabbilixxa l-eta ta' l-irtirar tal-*Foremen* bhala dik ta' wiehed u sittin (61) sena. Dan l-avviz legali nhareg *ai termini* ta' l-artiklu 17 tal-Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi:

Il-Ministru jista' jaghmel regolamenti ghall-ezekuzzjoni tad-dispozizzjonjijiet ta' din l-ordinanza u, minghajr hsara ghall-generalita` ta' ‘l fuq imsemmi biex

(b) jipprovdu...biex jistabilixxi n-numru ta' *Foremen* li ghandu jkollhom licenzja u l-eta` li fiha *Foremen* impjegati minn kuntrattur jistghu jirtiraw

Mhux kontestat illi xi *Foremen* illi kienu ga lahqu jew qrib li jilhqu l-eta` tal-irtirar skont dan l-Avviz Legali irrezistew dan l-Avviz Legali u fethu proceduri biex jattakkaw ir-regolament safejn impona eta` ta' rtirar. Hawn qed issir referenza ghall-proceduri fl-ismijiet *Victor Spiteri* v *l-Avukat*

*Generali et* [1/2008] u *Anthony Attard et v UHM et*[1] [60/2007] li jissemmew diversi drabi fir-rikors promotur. Lanqas huwa kontestat illi t-talba tar-rikorrenti f'dawk il-kawzi kienet intlaqghet, pero` abbazi ta' ragunijiet kompletament differenti minn xulxin. Minn dan l-aspett, ir-rikors promotur ma jaghtix stampa cara tal-fatti ghax jaghti x'jifhem li dawn kienu sentenzi identici meta mhux il-kaz.

Kemm hu hekk, fil-kaz ta' **Victor Spiteri,** il-Qorti ma ddikjaratx li l-Avviz Legali jikser il-Kostituzzjoni. Ghall-kuntrarju, il-Qorti dehrilha illi kien ragjonevoli u perfettament legali li tigi introdotta eta` tal-irtirar, izda lmentat mill-fatt illi r-rikorrent spicca minghajr licenzja mil-lum ghal ghada u ma giex offrut kumpens: *F'jum partikolari (u minkejja li kellu izjed minn 65 sena) ir-rikorrent kellu t-tgawdija ta' licenzja li thallih jahdem xoghol partikolari, u l-ghada, bla ma tbiddel xejn min-naha tieghu, dik it-tgawdija ntemmet u ma setax izjed jibqa' jaghmel dak ix-xoghol.* Il-kaz ta' **Victor Spiteri *et*** gie deciz fuq punt differenti, u senjatament abbazi tal-argument illi *ai termini* tal-Ordinanza, il-Ministru kellu l-poter jaghmel regolament dwar meta *Foreman* jista' jirtira u mhux meta ghandu jirtira. Ta' min jghid illi r-rikorrenti fil-kaz odjern ma ghamlu ebda attentat biex jattakkaw l-Avviz Legali u/jew il-ftehim kollettiv. Ghall-kuntrarju, l-istess rikorrenti, li fl-2007 kienu ghadhom ma lahqux l-eta` ta' rtirar, ma kinux milquta bl-istess avviz legali u l-licenzja taghhom giet imgedda fl-ahhar tal-2007.

[1] Recte: **<u>Victor</u> Spiteri v UHM et.**

Fi Frar, 2008, imbaghad, kienet giet introdotta skema ta' rtirar kmieni li tahtha, dawk il-*Foremen* li jilhqu l-eta` ta' hamsa u hamsin sena setghu jaghzlu li jirtiraw kmieni versu hlas ta' somma ta' Lm8,000 ghal kull sena sal-eta` statutorja tal-irtirar. Ovvjament setghu wkoll jaghzlu li jkomplu jahdmu bhala *Foremen*.

Ir-rikorrenti kien jikkwalifikaw ghal din l-iskema - Ikoll ghazlu li juzufruwixxu minnha, irtiraw fl-eta` ta' 55 sena u rcevew hlas sostanzjali taht l-iskema msemmija.

Jidher pero` li issa qed jerga' jibdielhom, u qed isostnu li kien haqqhom "kumpens hafna oghla". L-Awtorita` tfakkar pero` illi r-rikorrenti qatt ma hadu xi passi (nghidu ahna, kawza quddiem il-Qrati Civili) biex jimpunjaw il-ftehim dwar l-irtirar kmieni.

Fl-ahharnett u ghal kull bwon fini jinghad illi f' Malta ma japplikax il-kuncett tal-"precedent" u ghalhekk din il-Qorti mhijiex necessarjament marbuta ma' decizjonijiet precedenti tal-Qrati, anke jekk fuq materja simili. *Multo magis* jinghad dan meta c-cirkustanzi fil-kaz odjern huma differenti minn dawk mill-fatti li kellha quddiemha l-Qorti fil-kaz ta' Victor Spiteri u ta' Anthony Attard *et.*

## 2.0 L-eccezzjonijiet tal-Awtorita` esponenti

Fid-dawl tal-fatti kif esposti, l-esponenti tilqa' ghat-talbiet tar-rikorrenti bl-eccezzjonijiet li gejjin:

i. Preliminarjament, l-Awtorita` esponenti <u>mhijiex il-legittimu kontradittur</u> ghall-ilment tal-esponenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Jidher fil-fatt illi l-ilment centrali tar-rikorrenti jirrigwarda ligi partikolari [l-Avviz Legali 437/2007] li certament ma nhargitx mill-Awtorita` esponenti. Ghall-kuntrarju, l-Awtorita` hija marbuta li topera fil-qafas tal-ligi kif vigenti. F'dan ir-rigward huwa sinifikanti illi fil-kawza ta' Anthony Attard, il-Qorti Kostituzzjonali, minkejja li laqghet it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, illiberat lill-UHM u lill-Awtorita` esponenti mill-osservanza tal-gudizzju *billi ma kienux dawn li hargu l-avviz legali.* Ghalhekk mhux minnu li l-Awtorita` hallset jew giet ordnata thallas xi kumpens lil *Foremen* ohra.

ii. Fil-mertu, u b'mod generali, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw il-fatti allegati fir-rigward ta' kull wiehed u wahda minnhom.

iii. IIli safejn qed jigi allegat illi l-Avviz Legali 437/2007 huwa *ultra vires stante* li l-Kap 171 jaghti poter lill-Ministru jistabbilixxi meta *foreman* "jista'" u mhux "ghandu" jirtira, l-esponenti b'kull rispett ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Qorti fil-kawza ta' Anthony Attard *et* [li qed jigu invokati mir-rikorrenti f'dan il-kaz. Dan ghaliex minkejja li mhux kontestat illi t-test Malti tal-Artiklu 17 tal-Ordinanza juza l-kelma "jista'" u mhux "ghandu jirtira", l-unika interpretazzjoni logika tal-Ordinanza illi l-Ministru jista' jaghmel regolamenti li jistipulaw meta *Foreman* **<u>ghandu</u>**

jirtira. Inkella, jekk wiehed isegwi l-argument tar-rikorrenti sal-konkluzjoni logika tieghu, wiehed jifhem li r-rikorrenti qed isostnu illi jekk, nghidu ahna, l-Ministru jistabbilixxi l-eta` ta' 61 sena bhala l-eta` meta *Foreman* **jista'** jirtira, *Foreman* ikun marbut li ma jirtirax qabel dik l-eta` ghax ma jkunx **jista'** jaghmel dan. L-interpretazzjoni korretta tat-test hija riflessa fit-traduzzjoni bl-Ingliz tal-Ordinanza, li tghid "shall retire".

iv. Safejn qed tintalab dikjarazzjoni illi licenzja hija possediment u ma setghetx tittiehed, it-talba hija ikkontestata *stante* illi:

[a] skont il-ligi u skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess licenzja, il-licenzja ta' *Foreman* ghandha validita` ta' sena u tiskadi fil-wiehed u tletin ta’ Dicembru ta' kull sena. Ghalkemm il-licenzja tista' tiggedded minn sena; ghal sena certament li ma tistax titqies xi "dritt ghal dejjem" kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti. Ghalhekk l-uniku dritt li jista’ jkollu *Foreman* huwa li jgawdi l-licenzja sal-ahhar tas-sena kurrenti u mhux li jgawdi dritt *in aeternum;*

[b] il-licenzja ta' *Foreman* ma tistax tigi ekwiparata ma' xi licenzja ta' hanut jew operazzjoni kummercjali ohra *stante* li ma tistax tigi kkumercjalizzata u ma ghandhiex abbinata maghha xi "goodwill" bhal fil-kaz ta' hanut.

v. Safejn qed jigi allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, it-talba hija ikkontestata kemm

ghaliex, kif ga ntqal, licenzja ta' *Foreman* mhijiex proprjeta` jew possediment fis-sens Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif ukoll ghaliex:

[a] fattwalment mhux minnu illi l-licenzja tar-rikorrenti ma gietx imgedda u wisq anqas li r-rikorrenti gew imgieghla jirtiraw mix-xoghol. Ghall-kuntrarju, ir-rikorrenti setghu jibqghu jahdmu ta' *Foremen* izda **volontarjament ghazlu** li juzufruwixxu minn skema ta' rtirar kmieni u ta' dan **thallsu kumpens sostanziali.** Ic-cirkustanzi huma ghal kollox differenti mill-kaz ta' Victor Spiteri u Anthony Attard et fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw propju ghax ma gewx offruti kumpens. Huma lesti r-rikorrenti illi, ladarba jridu jergghu lura mill-ftehim ta' rtirar kmieni immedjatament jirritornaw l-ammont li gew imhallsa lilhom abbazi tal-istess ftehim?

[b] Kemm l-avviz legali kif ukoll l-iskema tal-irtirar kmieni kienet wahda ragjonevoli, legali u mhux arbitrarja. Dan tenut kont tal-fatt illi suppost huwa l-licenzjatarju li jrid iwettaq ix-xoghol ta' *Foreman* u ghalhekk ghandu jkun fizikament idoneu ghal dan ix-xoghol u ma jistax jaqbad u jiddelega l-obbligi tieghu lil xi hadd li mhux licenzjat. F'dan ir-rigward, l-esponenti tinnota illi anke s-sentenza fil-kaz ta' Victor Spiteri, li giet ikkwotata b'certu entuzjazmu mir-rikorrenti, tirrikonoxxi illi l-avviz legali huwa gustifikabbli;

[c] Illi ta' min jghid ukoll illi anke fl-ambitu ta' ligi Ewropea gie accettat illi l-impozizzjoni ta' eta` ta' rtirar hija legalment accettabbli jekk isir ghal skopijiet legittimi u jigi rispettat il-

principju ta' proporzjonalita` [ara R *(on the application of Age UK) v Secretary of State for Business, Innovation and Skills [2009] EWHC 2336 (Admin), 2010 C.M.L.R. 21* u *David Hutter v Technische Universitat Graz].* Huwa wkoll principju li nsibuh fi stati ohra tal-Unjoni Ewropea *[ara nghidu ahna Seldon v Clarkson Wright & Jakes [2010] EWCA Civ 899* deciz mill-Qorti Suprema fl-Ingilterra]

[d] Fil-kaz odjern, l-iskop wara l-ligi huwa wiehed legittimu filwaqt illi l-principju ta' "proporzjonalita`" gie kjarament rispettat *stante* illi r-rikorrenti thallsu kumpens sostanzjali bil-quddiem talli **ghazlu** li jirtiraw kmieni. F'dan ir-rigward, wiehed irid jiftakar illi l-iskema tal-irtirar kmieni ma gietx imposta fuq ir-rikorrenti, u illi r-rikorrenti volontarjament ghazlu li jirtiraw kmieni u li jithallsu ta' dan.

vi. Safejn qed tigi allegata diskriminazzjoni u, partikolarment ksur tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni mehud flimkien mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll:

[a] Qabel xejn l-artikoli msemmija huwa inapplikabbli f' dan il-kaz ghaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taht xi wiehed mill-kriterji (bhala sess jew post ta' origini) imnizzla fl-istess artikoli;

[b] Fi kwalunkwe kaz mhux minnu illi l-esponenti agixxiet b'xi mod diskriminatorju lejn ir-rikorrenti, anzi semmai l-istess rikorrenti gew vantaggjati meta, minhabba l-eta`

taghhom, gew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li huma ghazlu li juzufruwixxu minnha;

[c] ir-rikorrenti ma jistghux iqabblu ruhhom *ma' Foremen* ohra li ghazlu li ma japplikawx ghall-iskema tal-irtirar kmieni.

vii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

## 3.0 Konkluzjoni

Illi in succint ghalhekk l-Awtorita` esponenti tissottometti illi hija mhix il-legittimu kontradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti u, minghajr pregudizzju ghal dan, izzid tghid illi r-rikorrenti qeghdin jivvantaw dritt ta' proprjeta` li fil-verita` m'ghandhom u qed jallegaw diskriminazzjoni fil-konfront taghhom illi ma tirrizultax mill-fatti.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Rat ir-risposta tal-Onor. Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar u tal-Avukat Generali datata 7 ta' Lulju 2014 a fol 37 tal-process fejn esponew bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, l-Onor. Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi mingnajr pregudizzju u fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

2.1. Illi b'mod generali, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw il-fatti allegati fir-rigward ta' kull wiehed minnhom;

2.2. Illi safejn qed jigi allegat illi l-Avviz Legali 437/2007 huwa *ultra vires stante* li l-Kap 171 jaghti poter lill-Ministru jistabbilixxi meta *Foreman* "jista'" u mhux *"ghandu"* jirtira, l-esponenti b'kull rispett ma jaqblux mal-konkluzjonijiet tal-Qorti fil-kawza ta' ***Anthony Attard et*** [li qed jigu invokati mir-rikorrenti f'dan il-kaz]. Dan ghaliex minkejja li mhux kontestat illi t-test Malti tal-Artikolu 17 tal-Ordinanza juza l-kelma *"jista'"* u mhux *"ghandu jirtira",* l-unika interpretazzjoni logika tal-Ordinanza hi li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti li jistipulaw meta *Foreman* **ghandu** jirtira u mhux meta jista' jirtira. Li kieku ma kienx hekk, dan l-provvediment tal-ligi kien ikun superfluwu. *Di piu`,* u minghajr pregudizzju, jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiened isegwi l-argument tar-rikorrenti, fis-sens illi l-Ministru jistabbilixxi l-eta` ta' 61 sena bhala l-eta` meta *Foreman* **jista'** jiritira, dan ikun ifisser li *Foreman* ikun prekluz milli jirtira qabel dik l-eta`. Effettivament, l-interpretazzjoni korretta tat-test hija dik riflessa fit-test bl-Ingliz tal-Ordinanza, li tghid *"shall retire".* Isegwi ghalhekk li

l-Avviz Legali *437* tal-2007 sar in konformita` ma' l-Att principali u cioe` ma' l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta);

2.3. Illi safejn qed tintalab dikjarazzjoni illi licenzja hija possediment u ma setghetx tittiehed, it-talba hija ikkontestata *stante* illi:

2.3.1. Skont il-ligi u skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess licenzja, il-licenzja ta' *Foreman* ghandha validita` ta' sena u tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru ta' kull sena. Ghalkemm il-licenzja tista' tiggedded minn sena ghal sena certament li ma tistax titqies xi "dritt ghal dejjem" kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti. Ghalhekk l-uniku dritt li jista' jkollu *Foreman* huwa li jgawdi l-licenzja sal-ahhar tas-sena kurrenti u mhux li jgawdi dritt *in aeternum;* u

2.3.2. Il-licenzja ta' *Foreman* ma tistax tigi ekwiparata ma' xi licenzja ta' hanut jew operazzjoni kummercjali ohra *stante* li ma tistax tigi ikkumercjalizzata u m' ghandhiex abbinata maghha xi "goodwill" bhal fil-kaz ta' hanut;

2.4. Illi safejn qed jigi allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, it-talba hija ikkontestata kemm ghaliex, kif ga ntqal, licenzja ta' *Foreman* mhijiex proprjeta` jew possediment fis-sens Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif ukoll ghaliex:

2.4.1. Fattwalment mhux minnu illi l-licenzja tar-rikorrenti ma gietx imgedda u wisq anqas li r-rikorrenti gew imgiegnla permezz tal-Avviz Legali 437 tal-2007 jirtiraw mix-xognol kif allegat minnhom. Ghall-kuntrarju, ir-rikorrenti setgnu jibqgnu jandmu ta' *Foremen* izda volontarjament ghazlu li juzufruwixxu minn skema ta' rtirar kmieni u ta' dan tnallsu kumpens sostanzjali. Ic-cirkustanzi huma ghal kollox differenti mill-kaz ta' Victor Spiteri u Anthony Attard et fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw propju ghax ma gewx offruti kumpens. *Di piu`*, u dejjem minghajr pregudizzju, id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi l-ftehim ta' rtirar kmieni ma jiswiex ghaliex allegatament 'gie *impost fuqhom'* jikkozza mal-fatt li sal-lum ir-rikorrenti ma rritornawx l-ammont li gew imhallsa lilhom abbazi tal-istess ftehim;

2.4.2. Kemm l-avviz legali kif ukoll l-iskema tal-irtirar kmieni kienet wahda ragjonevoli, legali u mhux arbitrarja. Dan tenut kont tal-fatt illi suppost huwa l-licenzjatarju li jrid iwettaq ix-xoghol ta' *Foreman* u ghalhekk ghandu jkun fizikament idoneu ghal dan ix-xoghol u ma jistax jaqbad u jiddelega l-obbligi tieghu lil xi hadd li mhux licenzjat. F'dan ir-rigward, l-esponenti jinnotaw illi anke s-sentenza fil-kaz ta' Victor Spiteri, li giet ikkwotata b'certu entuzjazmu mir-rikorrenti, tirrikonoxxi illi l-Avviz Legali huwa gustifikabbli;

2.4.3. Illi ta' min jghid ukoll illi anke fl-ambitu ta' ligi Ewropea gie accettat illi l-impozizzjoni ta' eta` ta' rtirar hija legalment accettabbli jekk isir ghal skopijiet legittimi u jigi rispettat il-principju ta' proporzjonalita` [ara ***R*** *(on the*

*application of Age UK)* ***v Secretary of State for Business, Innovation and Skills*** *[2009] EWHC 2336 (Admin), 2010 C.M.LR. 21* u ***David Hutter v Technische Universitat*** **Groz].** Huwa wkoll principju li nsibuh fi stati ohra tal-Unjoni Ewropea [ara *nghidu ahna* ***Seldon v Clarkson Wright & Jakes*** *[2010] EWCA Civ 899* deciz mill-Qorti Suprema fl-Ingilterra]; u

2.4.4. Fil-kaz odjern, l-iskop wara l-ligi huwa wiehed legittimu filwaqt illi l-principju ta' "proporzjonalita`" gie kjarament rispettat *stante* illi r-rikorrenti thallsu kumpens sostanzjali bil-quddiem talli **ghazlu** li jirtiraw kmieni. F'dan ir-rigward, wiehed irid jiftakar illi l-iskema tal-irtirar kmieni ma gietx imposta fuq ir-rikorrenti, u illi r-rikorrenti volontarjament ghazlu li jirtiraw kmieni u li jithallsu ta' dan;

2.5. Illi safejn qed tigi allegata diskriminazzjoni u, partikolarment, ksur tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni mehud flimkien mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll:

2.5.1. Illum huwa pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (i) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali; (ii) jigu trattati b'mod diferenti; u (iii) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti [tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetera tal-persuni]. Isegwi ghalhekk li l-artikoli msemmija ma japplikawx fil-kaz odjern ghaliex id-diskriminazzjoni allegata

ma taqax taht il-kriterji li ghalihom jirreferu l-imsemmija artikoli;

2.5.2. Illi fi kwalunkwe' kaz mhux minnu illi l-esponenti agixxew b'xi mod diskriminatorju lejn ir-rikorrenti, anzi semmai l-istess rikorrenti gew vantaggjati meta, minhabba l-eta` taghhom, gew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li huma ghazlu li juzufruwixxu minnha; u

2.5.3. Dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ma jistghux iqabblu ruhhom ma' *Foremen* ohra li ghazlu li ma japplikawx ghall-iskema tal-irtirar kmieni.

IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost u biss ghall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent sanciti bl-artikolu 14 u/jew bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-Artikolu 37 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, allegazzjoni li l-esponenti qed jirrespingu bil-qawwa, l-esponenti huma tal-umli fehma illi ma hemm l-ebda lok ghal kumpens pekunarju. Ghalkemm din l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha tista' taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, li l-iskop ewlieni tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* hija r-rimedju ewlieni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 8 ta' Lulju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru ir-rikorrenti assistiti minn Dr Raymond Zammit. Dehret Dr Sarah Portelli ghall-intimati kollha salv ghall-Awtorita' tat-Trasport liema Awtorita' hija rapprezentata minn Dr Franco Vassallo u Dr Joseph Camilleri. Dehru Dr Nadine Sant ghall-Ministeru ghall-Ekonomija Investiment u Intraprizi Zghar u Dr Maria Scicluna ghall-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura. Id-difensuri tal-partijiet qabblu li ghandha tinghata sentenza wahda fuq l-eccezzjonijiet preliminari u fuq il-mertu. Fuq talba ta' Dr Zammit il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti biex jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavits sal-15 ta' Settembru 2014 bil-*visto*/notifika tad-difensur tal-kontro-parti. Ir-rikors gie differit ghat-28 ta' Ottubru 2014 fil-11:00a.m. ghall-provi tar-rikorrenti li kellhom nofs siegha ghad-disposizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-atturi datata 5 ta' April 2016 a fol 332 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Onor Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar u tal-Avukat Generali datata 10 ta' Mejju 2016 a fol 247 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimata Awtorita` ghat-Trasport f' Malta sa fol 359 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru whud mir-rikorrenti assistiti minn Dr Raymond Zammit u Dr Joseph Zammit. Dehru wkoll Dr Joseph Camilleri ghall-Awtorita' intimata rapprezentata minn Dr Robert Vassallo, Dr Nadine Lia ghall-Ministeru tal-Ekonomija u Dr Sarah Portelli ghall-Avukat Generali. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet: Dr Joseph Zammit, Dr Joseph Camilleri, Dr Sarah Portelli, Dr Nadine Lia, u ta' Dr Raymond Zammit, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-13 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom fit-termini tal-**Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikolu 14 u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" meta ttehditilhom il-licenzja biex jahdmu bhala *Foremen* tal-Haddiema tal-Port b'konsegwenza tal-Avviz Legali 437/2007, u dan ghar-ragunijiet esposti fir-rikors promotur;

talbu rimedju ghall-tali lezjoni inkluz kumpens sabiex jaghmel tajjeb ghat-tehid tal-licenzja imsemmija.

Illi r-risposta tal-intimati fil-mertu huma kwazi identici. Apparti dan issollevaw *in linea* preliminari li :

1) L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta eccepiet li mhix il-legittimu kontradittur;

2) L-Onor.Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar mhuwiex il-legittimu kontradittur;

L-eccezzjonijiet fil-mertu ser jigu kkunsidrati aktar 'il quddiem.

**Il-Fatti tal-Kaz.**

Illi l-fatti li jikkoncernaw l-iskop u l-kondizzjonijiet tar-riforma fil-portijiet, l-iffirmar ghall-iskema mir-rikorrenti, l-kumpens li thallsu, u l-posizzjoni tal-*Foremen* l-ohra tal-haddiema tal-port mhumiex ikkontestati. **Li hu kkontestat** huwa l-volontarjeta` *o meno*, ossia x-xelta libera li seta` kellhom ir-rikorrenti meta iffirmaw ghall-iskema tal-irtirar kmieni introdotta bl-**Avviz Legali 437/2007;** il-legalita' jew il-legittimita' o meno tal-imposizzjoni ta' eta` tal-irtirar fil-kuntest tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti; u jekk hemm kumpens dovut fic-cirkostanzi.

Dwar il-fatti pacifici jirrizulta li r-rikorrenti kollha kienu licenzjati bhala *Foremen* tal-Haddiema tal-Port fis-sena

2008. Kellhom ghalhekk licenzja regolata **mill-Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta** li kienet tiggedded kull sena. Bhala tali huma meqjusa persuni li jhaddmu lilhom infushom *(self employed)* u jezercitaw ix-xoghol taghhom mad-diversi agenti tal-vapuri, uhud minnhom bhala *shore Foremen* u uhud bhala *Foremen* abbord il-vapuri. Xogholhom hu essenzjalment li jorganizzaw il-haddiema tal-port skont il-bicca xoghol.

Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti baqghu igeddu l-licenzja regolarment sakemm dahlu fl-iskema tal-irtirar kif ukoll ma johrogx mill-atti li qatt ittiehdu kontrihom xi proceduri dixxiplinari minhabba xi agir illegali.

Fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet, din kienet tinkludi l-privatizzazzjoni tal-Cargo Handling kif ukoll riforma f'dak li kellu x'jaqsam mal-haddiema tax-xatt fuq il-licenzja taghhom u anke fuq hlas mill-fond taghhom, kif ukoll riforma tal-*Foremen* tal-haddiema tax-xatt. L-eta` tal-irtirar ta' 61 kienet parti mir-riforma kif ukoll it-tnaqqis tan-numru ta' persuni licenzjati bhala *Foremen* tal-haddiema tax-xatt. Bejn April 2006 u l-1 ta' Novembru 2007, saru diversi laqghat bejn n*egotiating team* appuntat mill-Gvern u l-*Foremen* kif rapprezentati mill-Union Haddiema Maghqudin li kienet tirrapprezenta l-maggoranza tal-*Foremen* licenzjati.

Dan gie eventwalment rifless fl-Avviz Legali numru 437/2007, mahrug mill-Ministru ghall-Kompetittivita` u

Komunikazzjoni fl-24 ta' Dicembru 2007 u dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2008.

Sussegwentement fi Frar tas-sena 2008 kienet giet introdotta skema ta' rtirar kmieni li tahtha, dawk il-*Foremen* li jkunu lahqu l-eta` ta' hamsa u hamsin sena setghu jaghzlu li jirtiraw kmieni versu hlas ta' somma ta' Lm8,000 ghal kull sena sal-eta` statutorja tal-irtirar.

Mhux ikkontestat illi xi *Foremen* illi kienu ga lahqu jew qrib li jilhqu l-eta` tal-irtirar skont dan l-Avviz Legali (61 sena) irrezistew dan l-Avviz Legali (*vide* risposta tal-Awtorita` intimata). Kien hemm fosthom li fethu proceduri biex jattakkaw ir-regolament safejn impona l-eta` ta' rtirar. Hawn qed issir referenza ghall-proceduri fl-ismijiet ***Victor Spiteri v l-Avukat Generali et* [1/2008]** u ***Anthony Attard et v UHM et*** [60/2007] li jissemmew diversi drabi fir-rikors promotur.

**Fatti sussegwenti ghas-sentenzi imsemmija.**

Jirrizulta mhux ikkontestat li *stante* l-ezitu tas-sentenzi msemmija mill-Qorti Kostituzzjonali, l-Awtorita` intimata offriet lura l-licenzja lil dawk il-*Foremen* li ma kienux accettaw l-iskema tal-irtirar kmieni.[2] Din l-istess ghazla ma gietx offruta lir-rikorrenti odjerni billi kienu accettaw li jidhlu fl-iskema u accettaw il-kumpens offrut.

[2] Xhieda Dr. Robert Vassallo a fol 295 *et.seq*.

Madanakollu jirrizulta mix-xhieda tal-istess Dr. Robert Vassallo li hu *legislation and compliance manager* mad-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li qal li l-artiklu introdott bl-emendi in kontestazzjoni mhux ser jigi infurzat u dawk il-*Foremen* li huma registrati mal-Koperattiva jibqghu bil-licenzja sakemm sahhithom tippermettilhom.[3]

**Kumpens imhallas lir-rikorrenti**

Fit-2 ta' Frar 2008 intbaghtet ittra lir-rikorrenti individwalment fejn gew infurmati li ser tigi introdotta l-iskema ta' irtirar kmieni ghal dawk il-*Foremen* li fid-data effettiva tal-ftehim (milhuq mal-UHM) u cioe` 1 ta' Novembru 2007, jkunu lahqu l-eta` ta' 55 sena. Ir-rikorrenti iffirmaw dikjarazzjoni *standard form* mehmuza mal-ittra, ukoll datata it-2 ta' Frar 2008[4].

**Kumpens Imhallas**

Ir-rikorrenti rcevew kumpens ikkalkolat bir-rata ta' €18,635 (Lm8000) ghal kull sena servizz jew ghal kull parti tas-sena servizz mid-data ta' l-irtirar sal-eta` ta' 61 sena. Konsegwentement, dejjem skont l-etajiet rispettivi li kellhom meta dahlu fl-iskema, ir-rikorrenti rcevew is-segwenti hlas:-

---

[3] Xhieda ta' Dr. Vassallo moghtija fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015.
[4] Dok MTA2,ATA 1 sa ATA9 u *a tergo*

- **Reginald Grech** - €37,270 (Lm16,000) (sena)
- **George Cini** - €37,270 (Lm16,000) (sentejn)
- **Carmel Schembri** - €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- **Francis Portelli** - €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- **Anthony Parnis** **-** €55,905 (Lm24,000) (3 snin)
- **Sebastian Gatt** - €55,905 (Lm24,000) (3 snin)
- **Rosario Chircop** - €93,175 (Lm40,000) (5 snin)
- **Luciano Spiteri** **-** €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- **Mario Spiteri** **-** €111,810 (Lm48,000) (6 snin)

**Ligi Ordinarja**

Il-hrug tal-licenzja ta' *Foreman* hija regolata mil-Ligi ewlenija[5] **(Kap 171)** kif ukoll minn legislazzjoni sussidjarja mahruga fl-1993[6].

Illi l-attivita` ta' *Foreman*, huwa definit fl-**Artikolu 2 tal-Ordinanza Dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171)** bhala:

*"Foreman" tfisser kull persuna li, akkont taghha jew akkont ta' persuna ohra, timpjega haddiema tal-port;"'*

Din l-attivita "hija wahda regolata **bl-Artikolu 5 tal-Kap. 171** li jghid hekk:

*"5. (1) Ebda persuna ma ghandha tagixxi bhala Foreman -*
*(a) jekk tkun haddiem tal-port;*
*(b) jekk ma jkollhiex licenzja ghal hekk mid-Direttur.*

---

[5] Art 5 tal-Ordinanza XIV tal-1952 dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171).
[6] A.L.90 tal-1993.

*(2) Il-licenzja tkun suggetta ghal dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fiha jew f'xi tigdid taghha, u tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru ta' kull sena izda tista' tiggedded minn sena ghal sena:*

*Izda l-licenzja ghandha tiskadi awtomatikament jekk il-Foreman jigi misjub hati ta' serq li jkun sar matul jew dwar xoghol tal-port.*

*(3) Jekk xi Foreman jikser jew jonqos milli jhares id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew igib ruhu jew jimxi hazin hafna fil-kors ta' jew dwar ix-xoghol tieghu, f'dak il il-każ, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18, l-Awtorità tista' -*
*(a) iċċanfru; jew*
*(b) tissospendi l-liċenza tiegħu għal dak iż-żmien li l-Awtorità tista' jidhrilha xieraq; jew*
*(ċ) tħassar il-liċenza tiegħu.*
*(4) Qabel ma tasal għal xi deċiżjoni skont id-disposizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan, l-Awtorità għandha tagħti lill-Foreman interessat l-opportunità kollha biex jippreżenta l-każ tiegħu.*
*(5) Matul kull proċedura skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu Foreman jista' jkun assistit minn dik il-persuna li jidhirlu xierqa.*
*(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tapplika għal kuntrattur."*

**A.L. 437/2007**

Dan l-avviz legali dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2008 bhala parti mir-riforma fil-portijiet u inhareg *ai termini* tal-**artiklu 17 tal-Kap 171** tal-Ligijiet ta' Malta. Stabbilixxa l-eta` ta' l-irtirar tal-*Foremen* bhala dik ta' wiehed u sittin (61) sena u din il-kondizzjoni giet mizjuda bhala kondizzjoni ghall-ghotja ta' licenzja.[7] (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi **l-artiklu 17 tal-Kap 171** tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

*"Il-Ministru jista' jaghmel regolamenti ghall-ezekuzzjoni tad-dispozizzjonjijiet ta' din l-ordinanza u, minghajr hsara ghall-generalita` ta' 'l fuq imsemmi biex:*

*(b) jipprovdu...biex jistabbilixxi n-numru ta' Foremen li ghandu jkollhom licenzja u l-eta` li fiha Foremen impjegati minn kuntrattur jistghu jirtiraw"* (enfasi ta' din il-Qorti).

**Provi Prodotti**

**Ir-rikorrent George Cini** xehed permezz ta' affidavit (fol 43) u qal li fis-sena 2008 kien *Foreman* tal-haddiema tax-xatt bil-licenzja u kien ilu jahdem hekk mis-sena 1990. Qal li l-licenzja kienet tiggedded kull sena u dan kien isir awtomatikament sakemm ma jkunx hemm xi raguni valida fil-ligi ad.ez. abbuz jew negligenza fuq ix-xoghol. L-eta` ma

7 Skont l-artikolu 2(a) tal-Avviz legali li emmenda is-subreg.6(2)(a) tal-AL 90/1993 : *"(d) ma jkunx ghadu lahaq l-età tal-pensjoni statutorja u f'kaz ta' persuna li ma jkollhiex licenzja fit-30 ta' Diçembru 2007 ikollu fil-pussess tieghu certifikat ta' kompetenza validu fil-provvista tad-dmirijiet ta' Foreman mahrug minn istituzzjoni ta' tahrig; approvata mill-Awtorità."*

kenitx raguni sabiex licenzja ma tiggeddidx u qal li kien normali li *Foremen* kienu jkomplu jahdmu sakemm ittihom sahhithom. Fiz-zmien tar-riforma kien hemm *Foreman* li kien qaleb is-sebghin sena u kien hemm min kompla jahdem sa kwazi tmenin sena.

Qal li r-riforma fil-portijiet laqtet lil kull min kien jipprovdi xi servizz fil-portijiet inkluz ghalhekk il-*Foremen*. Ikkonferma fis-sustanza dak li hemm dikjarat fir-rikors promotur.

Qal li kien gie propost li l-licenzja tigi rtirata meta *Foreman* jaghlaq wiehed u sittin (61) sena li kien l-eta` tal-irtira. Hu ma kienx qabel ma din il-proposta. Dak iz-zmien kellu kwazi sittin sena u kien ghadu b'sahhtu u zgur ma kellux hsieb li jieqaf mix-xoghol. Kellu hafna agenti li kienu juzaw is-servizzi tieghu. Qal li gew mhedda li kienet ser tghaddi ligi li in forza tal-istess il-licenzja tieqaf li tiggedded meta *Foreman* jaglaq 61 sena u l-Union taghhom kienet qaltilhom li ma tantx kien hemm x'taghmel jekk tghaddi l-ligi. F'laqgha minnhom il-Ministru kien heddidhom li jaqblu jew ma jaqblux kien ser jghaddi ligi fuq hekk (l-irtirar kmieni).

Qal li kien hemm madwar tnax-il *Foreman* li kellhom bejn 55 u 61 sena filwaqt li certu Victor Spiteri kellu 71 sena. Huma ghalhekk kien l-aktar kontra din il-proposta milli dawk il-*Foremen* ta' eta` izghar. Huma kienu *self employed* u ma kellhomx hsieb li jirtiraw.

**L-Avviz Legali 437 tas-sena 2007** gie ppubblikat lejliet il-Milied tas-sena 2007 -***Regolamenti tal-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port (Emenda numru 2)*** fejn gie stabbilit l-eta` li fiha *Foreman* tal-haddiema tax-xatt kellu jirtira. Dawn ir-regolamenti dahhlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2008. Il-Ligi (Kap 171) giet ammendata wkoll.

Fl-istess zmien tal-proposta bdiet tissemma skema tal-irtirar. Hu ma kienx qabel ma din l-iskema izda wara li hareg l-Avviz Legali imsemmi u wara li l-union ma tatx alternattivi ohra hu u ohrajn li kien fadlilhom ftit biex jaghlqu 61 sena bdew jibzghu li jekk ma jiehdux l-offerta jispiccaw b'xejn wara tant snin.

Qal li fil-kaz tiehgu kien fadallu sena biex jaghlaq 61 sena.
L-iskema tal-irtirar giet offruta fis-7 ta' Frar 2008 u ntbaghtet ittra lilu u lill-*Foremen* l-ohra li kienu ghalqu 55 sena mill-Awtorita' Marittima ta' Malta fejn gew avzati bl-iskema tal-irtirar kmien li kienet qed tigi offruta bi qbil mal-UHM.

Qal li hu u l-ohrajn bezghu li jiehduha kontra l-Gvern. Erba' *Foremen* ma accettawx u fethu kawza filwaqt li Victor Spiteri li kien ghalaq 71 sena ma kienx offrut l-iskema u hu wkoll fetah kawza.[8]

[8] Dawn iz-zewg kawzi huma msemmija fir-rikors promotur u cioe`**:- Victor Spiteri vs L-Avukat Generali et** (Rik.Nru. 1/2008/1); u **Anthony Attard et vs Union Haddiema Maghqudin et** (cit nru 60/2007/3)

Qal ukolll li giet iffurmata koperattiva li ghandha kuntratt ta' servizz mal-Valletta Gateway Terminals (VGT) li huwa t-Terminal Operator. Qal li fil-kaz ta' Victor Spiteri ghazel li jiehu l-licenzja lura minnflok kumpens pekunarju ghaliex huwa kuntrattur il-Freeport u ghad ghandu x-xoghol izda fil-kaz tal-erba' *Foremen* fil-kawza ta' **Anthony Attard et**, accettaw flus u mhux il-licenzja ghaliex ix-xoghol intilef ghax haditu l-koperattiva.

Huwa cahad li kien hemm qbil fuq il-proposti billi dawn gew imposti permezz tal-avviz legali. Hu accetta l-iskema wara li hareg l-Avviz Legali u wara li gew mhedda mill-awtoritajiet. Anke l-UHM bezzaghthom li ma setghu jaghmlu xejn kontra l-Gvern ghax hareg l-Avviz.

Xehed ukoll li l-ilment tieghu u tar-rikorenti kien fis-sens li :

1) inkiser id-dritt ta' proprjeta` tieghu (il-licenzja);

2) hadu kumpens ta' 61 sena mentri Victor Spiteri ha l-licenzja lura ta' 76 sena u ha jibqa' jahdem biha bla limitu;

3) L-erba' rikorrenti fil-kaz ta' Anthony Attard hadu kumpens ikkalkolat sal-eta` ta' 71 sena.

Qal li ghalhekk, b'konsegwenza tar-riforma, illum hemm erba' kwalitajiet ta' licenzja ta' *Foreman*, u cioe`, wiehed li ghandu licenzja li tibqa' tiggedded sal-mewt, ohrajn hadu kumpens sal-eta` ta' 71 sena, id-9 rikorrenti f'din il-kawza sa 61 sena, u dawk il-*Foremen* li ghadhom bil-licenzja li

jahdmu fil-koperattiva li "*ghad irid jilhaq wiehed minnhon l-eta` ta' wiehed u sittin biex naraw x'ser jigri dak iz-zmien."*

Xehed **in kontro ezami** (fol 284 *a tergo*) qal li kien faddalu sentejn biex jaghlaq 61 meta accetta li jidhol fl-iskema tal irtirat kmieni. Qal li kien *Foreman* abbord il-vapur u ghalhekk kien impjegat mal-agent tal-vapur. Kien jahdem ma' numru ta' agenti. Kien jaqla' circa Lm20,000 fis-sena.

**Xehed Rosario Chircop** b'affidavit (fol 47) u qal li kien *Foreman* tal-haddiema tax-xatt fis-sena 2008 u kien ilu jahdem hekk mis sena 1990. Qal li qatt ma kien mnizzel fuq il-ktejjeb tal-licenzja li *Foreman* ghandu jirtira ta' 61 sena izda kien hemm imnizzel li "*Licenzja ghandha tiskadi awtomatikament jekk il-Foreman jigi misjub hati ta' serq li jkun sar matul jew dwar xoghol tal-Port."*

Ikkonferma li ma qabilx mal-proposta tas-sena ta' rtirar izda gew mhedda li tigi mghoddija ligi u rridu u ma rridux il-licenzja kienet tieqaf tiggedded meta *Foreman* jaghlaq is-61 sena. Huma kienu kollha b'sahhithom u kienu bi hsiebhom jibqghu jahdmu sakemm ittihom sahhithom. Wara li hareg l-Avviz Legali u wara li l-UHM infurmathom li ma kienx hemm alternattivi bezghu li jekk ma jaccettawx l-offerta jispiccaw b'xejn. Hu flimkien mat-tmien *Foreman* l-ohra f'din il-kawza, bezghu jifthu kawza kontra l-Gvern u hassew li ma kellhomx alternattiva "*anzi kellna l-mannara fuq rasna. Ghalhekk nghid li mhux minnu li ffirmajna volontarjament."* ..."*Jien u shabi hassejna li ahna ma konniex ser nirbhu kontra l-Gvern. Kien biss ghalhekk li*

*accettajna li niehdu l-iskema.Ahna kellna mannara fuq rasna."*

Qal ukoll "*Li huwa stramb f'dawn il-proceduri kollha huwa l-fatt li s-soltu meta tigi offruta skema ta' rtirar din tkun offruta biex jitnaqqsu l-haddiema. Fil-kaz taghna lilna keccewna biex sa sitt xhur wara dahlu sitt Foremen ohra godda li qatt ma kellhom licenzja qabel."*

Ix-xhud qal li ma hadux kumpens gust u sostanzjali meta dan gie imqabbel ma’ Victor Spiteri u r-rikorrenti Anthony Attard et.

In **kontro ezami** (fol 286 *a tergo*) xehed li kellu 57 sena meta dahal fl-iskema. Qal li ma kellux alternattiva hlief jiffirma u jaccetta l-iskema inkella tittiehed il-licenzja. Madanakollu bis-sistema li inholqot seta` jkompli jahdem sa 61 sena izda ma hax dik l-ghazla. Thallas Lm40,000 mill-iskema. Ma hadimx wara li hareg mix-xoghol ghaliex ma sabx xoghol ghas-sengha li kellu ta’ *Foreman*. Qal li fittex ix-xoghol.

Huwa esebixxa l-Income Tax returns ghas-snin 2002 sa 2004 u mhux ghas-snin sussegwenti. Dak iz-zmien kien jahdem ma huh Armando Chircop u kienu jithallsu minn kumpanija li kienu assocjati fiha. Izda sussegwentement dahlu wliedu fil-kumpanija u nqala' d-disgwid u ma kellux dhul. Minkejja dan kien baqa' ihallas il-licenzja. Kien jahdem ta' *Foreman* abbord u anke fuq l-art izda ma sabx

agenti ohra ghaliex gja kellhom il-*Foremen* taghhom. Kien ihalli f'idejn huh il-kbir.

**Mario Spiteri** ukoll xehed b'affidavit (fol 51) u fis-sustanza ikkorrobora x-xhieda precedenti. Kien ilu jahdem ta' *Foreman* sa mill-1990 u kien ghadu jahdem hekk fis-sena 2008. Hu semma lista' ta' *ex Foremen* li baqghu jahdmu l-fuq minn 73 sena. Ikkonferma li ma kienx hemm qbil da parti tar-rikorrenti mal-proposta tal-irtirar kmieni imma biss imposizzjoni permezz tal-avviz legali. Jekk ma jaghzlux l-offerta ma kienu jiehdu xejn.

**In kontro ezami** (fol 282) xehed, riferibbilment ghad-dhul dikjarat li kien ezattament l-istess ghal kull sena li kienu tmien *Foremen* li kellhom kaxxa wahda, u meta s-somma kienet taqbez it-Lm13,100 kien iwarrbu l-eccess ghall-bzonnijiet ta' l-ghodda. Ghall-ewwel kienu jithallsu mill-Cargo Handling imbaghad mill-VGT.

Mistqosi jekk fittex xoghol iehor qal li spicca bil-kalmanti jhares lejn l-ghodda tieghu imdendla fil-garaxx. Qatt ma stenna li ser jispicca f'dik l-estremita' ghaliex kien hemm mghallmin li kienu jahdmu sa tmenin sena.

Ma kienx hemm kuntatti mal-Awtorita' tat-Trasport wara li hareg mill-impieg.

**Anthony Parnis** xehed ukoll b'affidavit (fol 55) u kkorrobora dak li gie affermat mix-xhieda antecedenti. Kien ilu jahdem ta' *Foreman* sa mill-1990 u kien ghadu jahdem

hekk fis-sena 2008. Qal ukoll li f'dawk ix-xahar u nofs bejn il-hrug tal-avviz u l-hrug tal-iskema kulhadd kien ibezzaghhom inkuz l-UHM. Kellhom mannara fuq rashom. Qal li "*kull ma rridu jien u shabi hu li nigu meqjusa bhall-ohrajn. Ma huwiex gust li min kien prudenti ghax hassu dghajjef fil-konfront tal-Gvern ibati.*"

iIn **kontro-ezami (fol 290)** xehed u qal li iffirma ghall-iskema u rcieva kumpens ghal tliet snin. Mistoqsi kif id-dhul li ddikjara kien dejjem l-istess - Lm13100, fis-sena- qal li kienu grupp ta' tmien *Foremen* li kienu jaqsmu id-dhul u jiehdu l-istess paga. Kien *self employed*. Meta spicca ma ghamilx xoghol iehor - kellu 59 sena u kien ilu jaghmel xoghol ix-xatt minn mindu kellu 13-il sena. Ma fittix xoghol iehor.

**Francis Portelli** xehed viva voce[9] u qal li twieled fl-1950. Kien ilu *Foreman* licenzjat mis-sena 1991 u kien ihallas taxxa u bolla bhala *self employed.* Fis-sena 2007 gew infurmati li n-numru ta' *Foremen* kellu jonqos wara li giet introdotta skema tal-irtirar kmieni. Qabel ma gew offruti din l-iskema hareg Avviz Legali 437/2007 li tal-eta ta' 61 *Foreman* kellu jirtira. Qal li missieru li kien *Foreman* kien baqa' jahdem sa 73 sena u jiftakar hafna *Foremen* li kienu jahdmu anke vicin t-80 sena.

Qal li suppost il-UHM kienet qed tirraprezentahom imma l-Union qaltilhom li ma jistghu jaghmlu xejn u huma bezghu (jagixxu). Huma ma qablux mal-proposta ghaliex kienu tal-

---

[9] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2014.

fehma li jibqghu jahdmu wara 61 sena. Kien ikun kapaci jahdem anke issa tal-eta` ta' 64 sena.

Spjega li bil-licenzja seta` jahdem l-art u kemm abbord. Issa l-licenzja donna tqassmet f'4. Tar-rikorrenti ta' 61 kellhom jirtiraw, haddiehor tawhom kumpens ta' 71[10], iehor tawh il-licenzja ta' 76[11] u min ghadu jahdem sal-gurnata tal-lum. Hemm koperattiva u ma jafux x'ser jigri meta jaghlqu l-61 sena.

In **kontro-ezami** xehed li bbenefika bi Lm8000 kull sena sas-sena ta' l-irtirar. Kellu 57/58 meta ha l-kumpens. Kien ghalhekk fadallu 4 snin u rcieva Lm32,000. Dan il-kumpens thallas minkejja li seta` jibqa' jahdem sa 61. Izda qal li kieku ma kienx hemm l-Avviz legali ma kienx jirtira.

Rega' xehed in **kontro ezami**[12] u qal li ma kellhomx ghazla - jew jaccettaw l-iskema jew jehdulhom il-licenzja, qal li rcieva Lm8000 ghal kull sena ta' xoghol sal-eta` ta' 61 sena. Dak iz-zmien kien jaqla bejn wiehed u iehor Lm13000 skorruti fis-sena. Kien *self employed* "*jekk ma kienux jidhlu vaputi ma konniex nithallsu."* Mitlub biex jispjega kif id-dhul minnu dikjarat ghall-fini tat-taxxa kien dejjem Lm13,100 qal li bejn wiehed u iehor kien jidhol l-istess xoghol mill-vapuri. Ma marx ifittex xoghol iehor ghaliex ta' 58 sena ma kienx ser isib xoghol. Lanqas *part time*. Mistoqsi dwar l-affermazzjoni li ghamel fl-affidavit li

---

[10] Riferenza ghall-erba' rikorrenti Anthony Attard, Anthony Attard iehor, Armando Chircop u Antony Spiteri fil-kaz Anthony Attard et v UHM et.

[11] Riferenza ghall-Victor Spiteri .

[12] Fol 274

dahlu *Foremen* ohra wara li rtiraw ir-rikorrenti qal li minn dawn hadd ma kien irtira - kienu ghadhom zghar.

Xehed **Reginald Grech**[13] u qal li kien beda jahdem ix-xatt ma’ missieru u qabel missieru kien hemm nannuh - circa 45 sena x-xatt. Bir-riforma kien hu l-iktar li mar hazin ghax kien baqaghlu biss sitt xhur sa 61 sena. Kieku kien jibqa' jahdem sal-lum ghax f'sahhtu bizzejjed u kapaci ghax dak ix-xoghol ghamlu ghomru kollu. Ircieva Lm8000 kumpens ta' sena.

Qal li kien *self employed* ghall-fini tat-taxxa. Ma kellux ghazla hlief li jaccetta l-iskema.

Mill-iskema ha Lm8000 izda llum jqum filghodu, imur joqghod bil qeghda fuq bank, imur ghall-kafe` u mbaghad ma jafx x'ser jaqbad jaghmel. Ghadu dispjacut sal-lum ghaliex jixtieq jahdem.

Ma setax jghid ezatt kemm tilef bhala flus ghaliex id-dhul kien ivarja. Kien jahdem ma diversi agenti tal-vapuri u semma' lil Thomas Smith, Olaf Gollcher, u John H Caruana fost ohrajn.

**Xehed in kontro ezami (**fol 246) fejn qal li kien fadallu xi erba' xhur biex jaghlaq l-eta` ta' 61. Ikkonferma li rcieva €18,635. (Lm8000).

[13] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2014.

Mistqosi jekk fittex ix-xoghol wiegeb li ghamel erbghin sena jahdem il-Port:

"*Xi tridni naghmel.... immur inbajjad?"*

Dan ukoll gie kkorroborat minn **Carmel Schembri** li xehed b'affidavit (fol 242) u qal li kien *Foreman* tal-haddiema tax-Xatt fis-sena 2008 u kien ilu jahdem hekk ghall-ghoxrin sena.

**In kontro ezami (**fol 277) xehed u kkonferma li rcieva l-kumpens offrut. Qal li ma fittex xoghol wara li rtira. Mistoqsi jekk applikax ghal-licenzja wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzonali fil-kaz ta' Victor Spiteri qal li ma applikax. Kien hemm shabu ohra li riedu ituhom il-licenzja imma ma riduhiex ghax ix-xoghol intilef. Ma deherlux li kien hemm xi hadd fl-istess sitwazzjoni bhalu li rega' applika u inghata l-licenzja.

Mistoqsi kif ghas-snin 2005/2006 u 2007 iddikjara l-istess dhul (LM13100 fis-sena' wiegeb li kienu grupp u s-somma li jkun hemm kienet tinqasam. Kull sena giet l-istess ghaliex il-vapuri kienu l-istess.

In riezami qal li ghomru u zmienu ix-Xatt minn mindu kellu xi 14/15-il sena. Qal li l-Awtorita' ma baghtitx ghalih biex jerga' jidhol. Hargu xi applikazzjonijiet imma mhux ghalihom. Kieku kitbulu kien jithajjar japplika.

Xehed **Dr Robert Vassallo**[14] **(fol 217)** fejn esebixxa ittra datata nhar is-27 ta' Settembru 2012 (**DOK RV1)** (fol 76) u kkonferma li hija mibghuta mill-Kaptan David Bugeja ghall-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Din l-ittra hija indirizzata lill-Armando Chircop u hemm imnizzel li "*L-Awtorita' tinfurmak li din ir-regola dwar l-eta` massima m'ghandhiex aktar effett legali u li ghalhekk persuna tista' zzomm licenzja ta' Foreman wara l-eta` tal-pensjoni diment li tkun tilhaq ir-rekwiziti legali u amministrattivi ohra applikabbli, inkluz li tipprezenta ruhek ghall-testijiet medici minn tabib maghzul mill-Awtorita.'* F'din l-ittra l-indirizzat kien mistieden li jipprezenta ruhu fl-ufficcji tat-Trasport Malta jekk kienx interessat li terga' tinhariglu l-licenzja ta' *Foreman*.

Ix-xhud ikkonferma li din l-ittra intbaghtet lill-persuni ohra u cioe` lil Godwin Portelli, lil Anthony Spiteri, Armando Chircop u tnejn Anthony Attard. L-ittra intbaghtet lil dawk li ma kienux accettaw l-iskema tal-irtirar, mhux kollha ghamlu kawza. L-ittra intbaghtet qabel ma intrebhet il-kawza - kien hemm kawza ohra fejn il-Qorti kienet iddecidiet li l-klawsoli fil-ligi kienu kontra l-Kostituzzjoni.

Bl-ittra imsemmija gew infurmati li jistghu japplikaw ghall-licenzja anke wara li kienu ghalqu l-eta` ta' 61 soggett ghat-testijiet medici.

Ikkonferma li Victor Spiteri ghadu sal gurnata tallum *Foreman* tal-haddiema tax-Xatt li ghandu circa 77 sena.

---

[14] Seduta tat-22 ta' Jannar 2015

Qal ukoll li kemm l-iskema kif ukoll l-Avviz legali kienu jaghmlu parti mir-riforma li ried jaghmel il-Gvern fil-portijiet. Kollox kien pakkett wiehed tar-riformi.

**Dr Robert Vassallo** rega' xehed in ezami (fol 295) u qal li jahdem bhala *legislation and compliance manager* mad-direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u ilu f'din il-kariga mis-sena 2009. Inoltre huwa appuntat fuq il-Bord tal-Haddiema tax-Xatt tal-*Pension and Contingency Fund.*

Dwar ir-retroxena ghar-riforma spjega li r-riforma fis-sena 2007 kienet tinkludi l-privatizzazzjoni tal-Cargo Handling kif ukoll riforma f'dak li kellu x'jaqsam mal-haddiema tax-Xatt fuq il-licenzja taghhom u anke fuq hlas mill-fond taghhom, kif ukoll riforma tal-*Foremen* tal-haddiema tax-xatt.

Iddeskriva il-*Foreman* tal-haddiema tax-xatt bhala persuna li tqassam ix-xoghol tal-haddiema tax-Xatt filwaqt i l-haddiema jahdmu u jitilghu fuq il-vapur u jnizzlu u jtellghu l-merkanzija. Il-*Foreman* "*huwa dak li jissorvelja u jqassam ix-xoghol...u l-Foremen ukoll huma maghqudin f'operattiva llum il-gurnata."*

Qal li l-*Foremen* huma meqjusa bhala *self employed.* L-eta` ta' rtirar hija wahda mill-emmendi li dahlet fl-Ordinanza tal-Haddiema tax-Xatt b'rizultat ta' diskussjonijiet li kienu saru mar-rapprezentanti tal-*Foreman* li kienu dak iz-zmien il-UHM u kienet iddahhlet il-klawsola fejn tghid li l-eta` ta' l-

irtirar tal-*Foremen* hija dik li hemm miktuba fil-ligi - ta' 61 sena.

Kien involut fil-proceduri gudizzjarji istitwiti minn Victor Spiteri u minn Anthony Attard u ohrajn peress li kien jirrapprezenta lill-Awtorita' f'dawk il-proceduri. Anthony Attard u r-rikorrenti mieghu thallsu kumpens mill-Gvern. F'dik il-kawza l-*Foreman* ma kienux accettaw l-iskema.

Wara l-kawza ta' Victor Spiteri u Attard l-Awtorita' avvicinat lil dawk il-*Foremen* u offritilhom lura l-licenzja. Fil-kaz odjern r-rikorrenti kienu accettaw l-iskema u ghalhekk l-Awtorita' ma ghamlitilhomx din l-offerta.

In **kontro-ezami** xehed li ma kienx involut fil-process li wassal ghall-iskema fis-sena 2007 izda kellu access ghad-dokumentazzjoni ta' dak iz-zmien.

L-eta` tal-irtirar ta' 61 kienet parti mir-riforma. Mistoqsi jekk qabel il-2008 kienx hemm miktub li l-licenzja tiggedded sakem ma jkunx hemm negligenza jew serq mill-*Foreman*, wiegeb li din il-klawsola ghadha hemm.

Semma wkoll li Victor Spiteri, ghalkemm ha lura l-licenzja, mhuwiex parti mill-Koperattiva. Ikkonferma li fil-kaz ta' Anthony Attard u t-tlieta ko-rikorrenti, rcevew kupens ikkalkulat fuq l-eta` ta' rtirar ta' 71 sena. Qal ukoll li bil-kawza mmsemmija, l-emenda kienet giet dikjarata leziva tal-Kostituzzjoni.

Mistoqsi *inter alia* jekk ghal dawk li ghadhom mal-Koperattiva jistghu jibqghu ghaddejjin *a vita* billi l-avviz legali gie rtirat, qal hekk jidher. L-istess ghal kaz ta' Victor Spiteri li l-licenzja tieghu hija ghall-hajtu. Qal li l-artiklu mhux ser jigi infurzat u dawk il-*Foremen* mal-Koperattiva jibqghu bil-licenzja sakemm jibqghu f'sahhithom.

Fuq mistoqsija tal-Qorti iccara li l-Avviz Legali qatt ma jigi rtirat. Il-ligi ghadha kif kienet waqt ir-riforma.

Riprodott **in ri-ezami** (fol 309) hu ccara li fil-kaz ta' Anthony Attard il-Qorti kienet iddikjarat l-emenda *ultra vires* u mhux kontra l-kostituzzjoni kif jidher fl-istess sentenza.

Qal "*ahna rridu bhala Awtorita' mal-Gvern naghmlu avviz legali gdid. Issa ilna nafu bis-sentenzi u nafu x'gie deciz, ahna mhux ser ninfurzaw dak li gie dikjarat ultra vires. Imma l-emenda hemm ghadha.. u ahna mhux ser ninfurzaw sakemm isiru l-emendi li hemm bzonn, jekk isiru.*"

Xehed **Sebastian Gatt** in **kontro ezami** (fol 292)[15] u qal li kien jahdem bhala *ship Foreman*. Meta hareg minn dan l-impieg ma fittix ix-xoghol ghaliex ma kien jaf jagmel xejn izjed. Kien jahdem ma’ hafna agenti - l-iktar ma’ Sullivan u kien jithallas minn ghandhom. Id-dhul tieghu kien jiddependi mix-xoghol izda l-qligh tieghu kien qed jizdied fl-ahhar snin.

[15] Proprjament ma ghamilx affidavit u ghalhekk kellu jigi ccitat in ezami principali. Dan gie ccarat waqt id-deposizzjoni.

Qal li fis-sena 2006 dahhal Lm36,000 u s-sena ta' qabel circa Lm33000. Qal ukoll li jaqbel ma' dak li xehedu r-rikorrenti shabu fl-affidavits taghhom.

**Legittimu Kontradittur**

Xehed **Matthew Vella** b'affidavit (fol 317) u kkonferma li Onor. Ministru Ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar mhuwiex il-Ministru responsabbli ghall-portijiet.

**Konsiderazzjonijiet Preliminari ta' din il-Qorti**

Illi kemm fl-atti processwali kif ukoll fit-trattazzjoni saru riferenzi ghas-sentenzi fil-kawzi citati fl-ismijiet **Victor Spiteri et. v L-Avukat Generali et** (QK 1.1.2009) u **Anthony Attard et v UHM et.** (QK 28 ta' Gunju 2012).

Huwa minnu li fis-sistema guridika taghna ma jezistix dak li fis-sistema ta' *common law* hu maghruf bhala *the law of binding precedent,* jew il-kuncett parallel tieghu ta' *stare decisis* izda s-sitwazzjoni mhix kategorika kif iridu l-intimati. Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Strickland v Hunter (XXX-I-446)** dan ma jfissirx li fi qrati ta' Prim'Istanza tezisti anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi fis-sens li kull Qorti tista' hekk *sic et simpliciter,* tapplika l-ligi kif jidhrilha meta diga jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri. Kif gie pronunzjat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Dr Vladimir Formosa v DSS** (A.C.4 ta' Mejju 1992) "*Illum il-*

*principju li sentenza ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni superjuri fuq punt ta' dritt ghandha per regola tigi segwita, ghalkemm m'hemmx obbligu preciz in propozitu, huwa stabbilit (ara wkoll Il-***Pulizija v George Vigo** *-Vol.XL-IV-1147) u l-osservanza ta' dan il-principju hija cara ghax diversament l-istess kwistjoni tispicca tigi sollevata f'kull kawza u l-amministrazzjoni tal-gustizzja tkun serjament intralcjata."*

Hekk ukoll fil-kaz fl-ismijiet **l-On. Imh.Dottor Anton Depasquale v Avukat Generali** deciza fl-1 ta' Gunju 2001, il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet :

*Fl-interpretazzjoni tal-ligijiet ta' pajjizna kif fuq imfisser din il-Qorti hija mghejjuna b'decizjonijiet precedenti taghha, ghax minkejja illi fis-sistema taghna ma jezistix il-kuncett ta' 'binding precedent' huwa ovvju li pronunzjamenti precedenti ta' din il-Qorti fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni tant serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett.*

*Dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni japplikaw ukoll ghal din il Qorti minkejja illi hija (bhal Prim'Awla tal-Qorti Civili - Sede Kostituzzjonali, li ghandha gurisdizzjoni originali) f'dawn il materji u cioe` ta' allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem taht l*
*Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni awtorizzata li "taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi*

*li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna" (Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni).*

Il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u taghmlu taghha. Ghalkemm il-fatti fil-kawzi premessi rigwardanti *Foremen* ohra mhumiex identici ghall-fatti tal-kaz odjern, effettivament jittrattaw licenzja wahda - il-licenzja ta' *Foreman* tal-haddiema tal-port. Ghaldaqstant l-osservazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-Qrati surriferiti ser jigu kkonsidrati ghall-fini ta' din is-sentenza sa fejn japplikaw ghall-fatti partikolari ta' dan il-kaz u dment li mhumiex manifestament skorretti jew ma ssirx ingustizzja lill-partijiet.

Illi fl-istess kuntest ma tistax taqbel mal-prassi adoperata f'kawzi ta' drittijiet fondamentali li jigu ventilati ripetutament l-istess argumenti u sollevati l-istess eccezzjonijiet fejn dawn gja gew trattati u skartati b'sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali diment li mhumiex konfortati b'xi tibdil ta' fehma mill-istess Qorti jew b'sentenzi tal-Qorti Ewropea. Tali prassi ghandha tintuza b'cirkospezzjoni u bl-akbar sens ta' responsabbilita' billi f'hafna kazi jservi biss biex itawwal il-proceduri bla bzonn u jahli l-hin tal-Qorti. Dawn l-istess argumenti u eccezzjonijiet ghandhom jigu sollevati fejn hemm ragunijiet serji u fondati li bihom qorti hija mistiedna titlaq mil-linja ta' hsieb li jkun ormai pacifiku jew ppronunzjat u riaffermat minn qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri. Dak li hu gja deciz u stabbilit ghandu jitqies li hu

*settled law* fejn ma hemmx estremi differenti fil-fatt u/jew fl-interpretazzjoni li ghandha tinghata fil-ligi - ad ez. dovut ghat-trapass ta' zmien jew ghat-tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-kaz.

Dan premess ghandu jigi wkoll senjalat li b'differenza mar-rikorrenti fil-kaz ta' Attard et. u Victor Spiteri, ir-rikorrenti fil-kaz tallum accettaw li jidhlu fl-iskema ta' irtirar kmieni, iffirmaw dikjarazzjoni f'dan is-sens, accettaw il-kumpens offrut u thallsu. Dan kollu bilfors irid ikun parti mid-deliberazzjonijiet ta' din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar a) jekk il-lezjoni lamentat huwa minnu u b) ir-rimedju xieraq.

**Eccezzjonijiet preliminari**

**Il-Qorti ser tibda biex tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari dwar il-legittimita' passiva tal-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta u tal-Ministru Ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar.**

Illi l-principji li jirregolaw il-legittimazzjoni passiva f'kawza kostituzzjonali huma ormai assodati. Fil-kaz fl-ismijiet **Joseph Abela v. Onor. Prim'Ministru et**[16] gie ritenut li :

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament,*

[16] Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

*responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

Ukoll kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et.** (29 ta' Mejju 2015) izda fil-kuntest tal-interess guridiku tal-Partit Laburista:

*"25. Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra. ......* "

Ikkonsidrat li permezz tal-kawza odjerna, ghalkemm r-rikorrenti ma talbux espressament dikjarazzjoni li l-Avviz Legali 437/2007 huwa lesiv tad-drittijiet fondamentali taghhom, fil-premessi taghhom jghidu hekk:

*"Illi dan l-Avviz Legali huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea peress li hareg oltre l-poteri tal-Ministru koncernat li aggixxa ultra vires peress li huwa kellu biss il-poter li jaghmel regolamenti meta Foreman* ***jista'***

*jirtira u mhux meta* ***ghandu*** *jirtira. Illum dan il-fatt gie deciz mill-Qrati Maltin*"[17].

Hekk gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Anthony Attard et v UHM et** (sentenza tal-20 ta' Frar 2009):

"*Huwa minnu li, normalment, kawza ghal dikjarazzjoni li ligi sussidjarja hija ultra vires il-ligi principali ma timportax bhala konsegwenza necessarja lezjoni ta' drittijiet fondamentali; izda, mill-banda l-ohra, lanqas jista' jigi eskluz aprioristikament li tali ligi sussidjarja, jekk tkun hekk ultra vires, tkun tista' twassal ghal tali lezjoni, u dan specjalment fid-dawl ta' dak li hu implicitu ghall-finijiet ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – assumendo, ghall-grazzja ta' l-argument, li l-licenzja li jivvantaw ir-rikorrenti hija "possediment" ghall-finijiet ta' dana l-artikolu, "[d]eprivations of property must also conform with requirements of lawfulness, both as regards the existence of a basis for the measure in domestic law and the requisite quality of the law.*"[18]

Illi mhux ikkontestat li dan l-Avviz Legali inhareg in forza tal-artikolu 17 tal-Kap 171 mill-"Ministru" li skont l-istess Ordinanza " '*Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet, u tinkludi kull persuna li taġixxi taħt l-awtorità tiegħu;*" Fis-sena 2007 il-Ministru responsabbli kien il-Ministru ghall-Kompetittività u Komunikazzjoni.[19]

---

[17] Fol 3 tal-process.
[18] Reid, K. **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London), 2004, p. 292, para. IIB-140.
[19] Vide l-Avviz Legali 437 /2007.

Aparti din il-konsiderazzjoni il-Ministru responsabbli ghall-hrug u tigdid tal-licenzji in mertu huwa l-istess Ministru responsabbli ghall-portijiet.

Bhala fatt il-Qorti taccetta x-xhieda ta' Matthew Vella li esebixxa estratti mill-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tal-14 ta' Mejju 2013 minn fejn jirrizulta li l-Ministru Ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar mhuwiex il-Ministru responsabbli ghall-Portijiet.

**Ghalhekk il-qorti taqbel li l-Ministru imsemmi mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *a tenur* tal-artiklu 181 B(1) tal-Kap.12.**

**L-Awtorita' tat-Trasport f'Malta**

Illi jirrizulta x-xhieda ta' Dr Robert Vassallo in rapprezentanza tal-Awtorita' intimata li hija l-istess Awtorita' li mhix qed taghti effett ghall-Avviz Legali in mertu. "*L-emenda hemm ghadha, nafu bid-decizjonijiet u ahna mhux ser ninfurzaw sakemm isiru l-emendi li hemm bzonn.*"[20]

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, jirrizulta li l-Awtorita' hija l-entita` li qed tapplika s-sentenzi surriferi fil-konkret. Bhala tali, ghalkemm il-Qorti tifhem li l-legislazzjoni temani mill-Parlament, u l-Avviz Legali mill-Ministru, jirrizulta mill-provi li l-Awtorita' hija attivament ko-partecipi fit-twettieq tar-

[20] Xhieda a fol 311 .

rimedji imposti flimkien mal-Ezekuttiv u ghaldaqstant l-involviment taghha tista' tkun mehtiega *semmai* ghall-fini tar-rimedju li jista' jigi impost minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, din il-qorti ser tichad l-eccezzjoni in kwantu sollevata mill-Awtorita` intimata.

**L-Avukat Generali**

Illi l-Avukat Generali ssolleva din l-eccezzjoni fis-sottomissjonijiet tieghu kif ukoll fit-trattazzjoni orali finali.

Illi *ai termini* tal-artiklu 728(2) tal-Kap 12 ma tista' tinghata l-ebda eccezzjoni ulterjuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fuq rikors appozitu. Dan ma sarx fil-kaz odjern u ghaldaqstant din il-Qorti mhix ser tikkonsidraha izjed.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

Illi r-rikorrenti eccipew fil-mertu li:

- r-rikorrenti ghandhom jippruvaw il-fatti allegati;

- li ma jaqblux mal-interpretazzjoni gudizzjarja moghtija fil-kaz ta' Anthony Attard dwar jekk l-Avviz Legali 437/2008 huwa *ultra vires* id-diskrezzjoni tal-Ministru kkoncernat;

- li licenzja mhuwiex *possediment* ai fini tal-artikou 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

- u li, inoltre, ir-rikorrenti thallsu kumpens sostanzjali u dahlu fl-iskema volontarjament kif ukoll li l-ammendi introdotti ma kienux arbitrarji u illegali;

- li hu lecitu li tigi imposta eta` ta' rtirar; u

- li l-principju ta' proporzjonalita' gie rispettat f'dan il-kaz.

- Eccipew ukoll li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni mhijiex gustifikata legalment u lanqas fattwalment.

- Ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-kumpens opponew li ma hemm l-ebda lok ghal kumpens pekunarju.

**Jeddijiet Sanciti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.**

**Principji Generali**

Il-parti relevanti tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:**

*"(1) Ebda propjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq propjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist -*
*-*
*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-propjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens;*
*u*
*(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta."*

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi hekk:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Illi huwa assodat li l-portata ta' **l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan ta' l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" ("*possessions"* fit-test Ingliz, "*biens"* fit-test Franciz) ta' dak

li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-tehid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjeta` ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta' kull xorta li tkun). (Ara ad ez. **Amato Gauci vs Avukat Generali**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2006; **Galea et vs Briffa,** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001; **Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent et.** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011; **Bugeja et vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2009; u **Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta` Ottubru 2011.)

Madankollu, wiesgha kemm hu wiesgha l-margini ta' apprezzament li ghandu l-Istat (fuq il-livell internazzjonali meta *si tratta* ta' sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg) jew il-Legislatura u l-Ezekuttiv (fuq il-livell domestiku, meta *si tratta* ta' allegazzjoni quddiem il-Qrati Maltin ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali), hija dejjem il-Qorti – u f'kawzi bhal dik *de quo*, hija dejjem din il-Qorti Kostituzzjonali – li trid finalment tiddetermina mhux biss jekk hemmx *dan l-iskop prima facie* legittimu aktar 'l fuq imsemmi izda jekk, fil-kaz konkret, intlahaqx fil-konfront tar-rikorrent dak il-bilanc gust bejn l-interess generali u l-interess tal-privat ossia tar-rikorrent. Fi kliem iehor, irid jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta' ligi li hija maghmula *prima facie* "*skont l-interess generali*" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita`. Kif gie deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fil-

kaz **Hutten-Czapska v. Poland** [21] - fejn hemm l-intervent tal-Istat, dan irid johloq bilanc bejn l-interess generali u l-interess tal-privat, u l-kaz partikolari (jigifieri l-fattispeci partikolari tal-kaz) irid jigi ezaminat ghall-fini ta' tali determinazzjoni. Dik il-Qorti qalet hekk f'paragrafu 105:

*"Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a 'legitimate aim' in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of a fair balance that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights… In each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden."* (sottolinear ta' din il-Qorti). (**Philip Amato Gauci et v Avukat Generali et** - Q.K. 26 ta' Mejju 2006) (Ara wkoll **Residual Limited (C24807) v Kummissarju ta' l-Artijiet** - Q.K. 19 ta' Ottubru 2011).

**Applikazzjoni ghall-Kaz**

[21] App. No. 35015/97 - 19 June 2006.

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti jilmentaw li t-tehid forzus tal-licenzja ta' *Foreman* tal-haddiema tal-port huwa lesiv tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-qorti ser tittratta l-punti rilevanti b'mod li jigu applikati ghaz-zewg artikli invokati mir-rikorrenti peress li l-Avviz Legali 437/2007 kellu effett ekwiparabbli ghat-tehid tal-licenzja taghhom.

Rigward l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** L-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea ghal dan l-Artikolu hu ormai kostanti fis-sens li :

"*1. Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the*

*Court in Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V)."* Hutten-Czapska v Poland).[22]

**Possediment jew *bien***

**Illi gja gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali l-licenzja ta' *Foreman* tal-haddiema tax-xatt huwa possediment ghall-fini tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll.**

**Hekk fil-kaz Victor Spiteri v UHM et[23] il-Qorti Kostituzzjonali irribadiet li:**

*"Li l-licenzja ta' negozju ghandha titqies bhala possediment tutelabbli hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza. Licenzja ghandha valur monetarju li biha persuna taqla' l-ghixien taghha u tal-persuni li thaddem jew li jiddependu minnha. Licenzja hija necessarja biex persuna topera u ghandha valur ekonomiku. F'dan is-sens il-Qorti ta' Strasbourg kemm-il darba ddecidiet li 'according to its case-law, the termination of a licence to run a business amounts to an interference with the right to the peaceful enjoyment of possessions guaranteed by Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention7'"*[24]

*- omissis-*

---

[22] App. No. 35015/97 - 19 June 2006.
[23] Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009
[24] ara *Tre Traktörer AB v. Sweden*, 7 ta' Lulju 1989 § 53; u *Bimer S.A. v. Moldova*, no.15084/03, § 49, 10 ta' Lulju 2007.

*"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kellu "possediment" tutelabbli u dritt ta' proprjeta` li gie mittiefes. Ma kinitx semplicement kwistjoni li ma gietx rinnovata licenzja imma kien hemm indhil fid-dritt ta'proprjeta`."*

Illi l-istess Qorti, fis-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2012 fil-kaz **Anthony Attard et v UHM et** il-Qorti irribadiet li:

*"Dwar l-ewwel element, ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira moghtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija wahda wiesgha u zgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' semplici proprjeta`. Kemm hu hekk "the word 'possessions' … indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of individual interest****" (ara Harris, O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights", (1995 Edit.) pagna 517).*

*Kemm hu hekk, inghad li "Property or possessions for the purposes of attracting the protection of Art. 1 of Protocol No. 1 covers a wide range of interests. Possession has an <u>autonomous meaning</u> independent of formal classification in domestic law, although recognition of a proprietary interest by domestic courts is in practice highly relevant. It is not limited to ownership of physical goods: other rights*

*and interests constituting assets can also be regarded as property rights. An interest in property, even if revocable in certain circumstances, can constitute a possession for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1 (ara* ***K. Reid, "Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** *(2008 Edit.) pagna 502)." (enfasi ta' din il-Qorti)*

*"Tant il-kelma "possedimenti" trid tinghata tifsira ampja illi skont ma jinghad fil-ktieb ta'* ***Van Dijk et, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (2006 Edit.) pagna 869.*** *"According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation of obtaining effective enjoyment of a property right." Ghal dan il-kaz, hu veru li l-licenzja tar-rikorrenti tiggedded kull sena, izda dak li jkun ghandu aspettattiva legittima li din tibqa' tiggedded regolarment (u, fil-kuntest tar-rikorrenti, bhas-soltu) jekk ma jkunx hemm ksur ta' xi kundizzjoni principali u jigu segwiti l-kriterji stabbiliti ghall-hrug tal-licenzja. It-titolar ta' licenzja bhal din ma jkollux biss speranza li l-licenzja tiggedded, izda aspettattiva legittima li jekk hu jimxi mal-ligi, l-istess licenzja ghandha tiggedded. F'dawn ic-cirkostanzi, id-duttrina tqis tali licenzja bhala possediment li tkun intitolata ghall-protezzjoni tal-Konvenzjoni.*

*Inoltre, din il-Qorti diga` stabbiliet li din il-licenzja partikolari hija possediment, u dan f'sentenza li tat fil-konfront ta'*

*Foreman iehor li kien igawdi licenzja bhal ma ghandhom ir-rikorrenti f'din il-kawza – ara* ***Spiteri v. Avukat Generali et****, deciza fl-1 ta' Ottubru, 2009, u li ghaliha ghamlet ampia referenza l-ewwel Qorti."*

Illi bhal ma gie osservat fil-kaz ta' Attard, ic-cirkostanzi bejn dawn il-kawzi huma differenti, <u>pero' l-licenzja hija l-istess</u> u ma gewx sollevati argumenti godda li jistghu jipperswadu lil din il-Qorti biex ma tasalx ghall-istess konkuzjoni.

Ghaldaqstant hi tal-fehma wkoll li l-licenzja huwa *possediment* jew *proprjeta` ai fini* tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

**Legalita' tal-A.L.437/2007**

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza citata fil-kaz ta' *Anthony Attard et.* tat-28 ta' Gunju 2012 ikkonkludiet kategorikament, b'affermazzjoni tar-ragunament u tal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tal-Ewwel Istanza, li bil-mizura li ttiehdet mill-intimati appellanti gew lezi d-drittijiet ta' proprjeta` tar-rikorrenti.

Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet hekk wara li kkonsidrat li l-Avviz Legali 437/2007 impona eta` ta' l-irtirar fuq il-*Foremen* tal-haddiema tal-port u ghaldaqstant kien *ultra vires* il-poteri tal-Ministru ikkoncernat. L-"*enabling law*" taghti fakolta` lil ministru jistabbilixxi l-eta` li fiha il-*Foremen* "jistghu" jirtiraw, filwaqt li l-Avviz Legali relattiv jimponi eta`

li fih il-*Foremen* ghandhom jirtiraw, u dan ghamlitu billi stabbilixxiet wara liema eta` il-licenzja ma tiggeddidx.

Il-Qorti kkonsidrat eccezzjonijiet identici sollevati mill-intimati fil-kaz odjern u, wara li ezaminat l-artikolu 17 tal-Kap 171 (l-*enabling provision)* ikkonkludiet li f'kaz ta' konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz, ghandu jipprevali t-test Malti[25] li kien car u ma jippermettix interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-Ministru. Il-Qorti Kostituzzjonali iccitat b'approvazzjoni is-sentenza fl-ismijiet **Cutajar v. Direttur tal-Ufficcju Kongunt**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2012, fejn id-differenza bejn iz-zewg kelmiet ("shall" u "may") giet sinjalata b'dik il-Qorti tirrimarka illi:

"*Fil-fatt dwar dawk il-proprjetajiet l-avviz jghid biss illi "it-trasferiment jista' jsir ukoll", u mhux li "ghandu jsir". Fi kliem iehor, kull ma jaghmel l-avviz hu li jaghti lill-gvern is-setgha – mehtiega taht l-art. 3(1) tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern [Kap. 268] – sabiex ikun jista' jittrasferixxi l-proprjeta`, izda ma jimponi ebda obbligu li jaghmel dak it-trasferiment*."

Illi l-intimati fil-kaz odjern issottomettew li din l-interpretazzjoni hija zbaljata billi l-unika interpretazzjoni logika tal-Ordinanza illi l-Ministru jista' jaghmel regolamenti li jistipulaw meta *Foreman* **ghandu** jirtira. Inkella, jekk wiehed isegwi l-argument tar-rikorrenti sal-konkluzjoni

[25] *Vide* ad ez. **Farrugia v. Agius**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 1950), izda wkoll l-Artikolu 8(3) tal-Att tal-1980, Dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutorji jipprovdi li "*Jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti ghandu jipprevali."*

logika tieghu, wiehed jifhem li r-rikorrenti qed isostnu illi jekk, nghidu ahna, l-Ministru jistabbilixxi l-eta` ta' 61 sena bhala l-eta` meta *Foreman* **jista'** jirtira, *Foreman* ikun marbut li ma jirtirax qabel dik l-eta` ghax ma jkunx **jista'** jaghmel dan l-interpretazzjoni korretta tat-test hija riflessa fit-traduzzjoni bl-lngliz tal-Ordinanza, li tghid "shall retire".

Isegwi ghalhekk li l-Avviz Legali 437 tal-2007 sar in konformita` ma' l-Att principali u cioe` ma' l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta);

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi ghaliex tali interpretazzjoni mhuwiex permess minn qari tat-test Malti. Jigi osservat li fis-sena 2007, fis-27 ta' Lulju 2007, ftit qabel il-pubblikazzjoni tal-Avviz Legali kien gie emendat l-artikolu 17 tal-Kap 171 li huwa l-*endabling provision* u l-kelma "jista' " fis-subartiklu 17(b) ma inbiddlitx. Din il-posizzjoni baqghet l-istess sal-lum.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti qed taddotta l-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali billi mhix konvinta mill-logika tal-intimati. Il-legislatur ghandu jkun car jekk irid jaghti lill-Ministru l-poter li jfassal regoli ghat-terminazzjoni <u>definittiva</u> ta' licenzja ta' *Foreman* marbut ma' <u>kondizzjoni gdida</u> li hija l-eta` tal-*Foremen*.

Kif irribadiet l-ewwel Qorti fil-kaz ta' Anthony Attard et "*L-argumenti tal-atturi huma tajbin u validi; madankollu trid tqis ukoll illi hawnhekk għandha eżerċizzju mill-ezekuttiv ta' setgħa li proprjament hija dik tal-organu leġislattiv tal-istat,*

*u għalhekk l-ezekuttiv jista' jinqeda b'dik is-setgħa biss safejn iddelegata lilu. Fejn il-kliem tal-liġi huwa ċar, b'mod li l-intenzjoni tal-leġislatur tidher ċara, ma għandux jitwessa' b'interpretazzjoni mingħajr ma b'hekk jitqiegħed f'perikolu l-ekwilibriju bejn is-setgħat tal-organi tal-istat għax jiġu użurpati setgħat li huma tal-organu leġislativ*."[26]

Ghaldaqstant din il-Qorti taghmel taghha dawn l-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet u tqies li l-emenda introdotta bl-Avviz Legali 437/2007 u dak li sehh mill-istat u mill-awtoritajiet koncernati biex jimplimentaw l-Avviz Legali imsemmi, inkluz l-iskema tal-irtirar kmieni, huwa illegittimu in kwantu *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabbilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma iġġedditx il-liċenzja tagħhom ta' *Foremen* tal-Haddiema tal-Port.

Gjaladarba din il-kondizzjoni ta' legalita' mhix soddisfatta, isegwi li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta' proporzjonalita' u ghaldaqstant ser issib lezjoni tad-drittijiet ta' proprjeta` tar-rikorrenti.

**Diskriminazzjoni - Art 45 tal-Kostituzzjoni u Art.14 tal-Konvenzjoni**

Illi r-rikorrenti jilmentaw li l-licenzja taghhom ittihditilhom bil-forza u ingustament u qed isofru diskriminazzjoni meta imqabbla ma' diversi *Foremen* ohra bhalhom li jew regghet iggedittilhom il-licenzja jew inghataw kumpens xieraq li jirrispekkja t-telf ta' qligh sa 71 sena.

[26] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2011 (PA (Kost) ( GCD).

L-intimati eccipew li d-diskriminazzjoni ilmentata mhix fost dawk il-kriterji elenkati fil-ligi u li semmai ir-rikorrenti gew vantaggjati u gew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li ghazlu li juzufruwixxu minnha. Inoltre ma jistghux jaghzlu li iqabblu ruhhom ma dawk il-*Foremen* li ma applikawx ghall-iskema ta' rtirar kmieni.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi l-qorti tibda biex tosserva li **fil-kaz ta' Attard et** [27] **il-Qorti ma dahhlitx fil-kwistjoni tal-allegat diskriminazzjoni "***billi l-istess avviż legali, f'dik il-parti msemmija, ma jiswiex u ma għandu ebda effett, diskriminatorju jew mhux, ma tqisx it-talba taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni."* Ma kienx hemm appell fuq dan il-punt.

Min-naha l-ohra, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Spiteri,** fis-sentenza tal-1/10/2009 ikkonfermat il-konkluzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad li ma sabetx agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u cioe`:

*"Hu risaput li mhux kull trattament differenti jwassal ghal sejbien ta' trattament diskriminatorju. Ir-regolament in kwistjoni dwar l-eta` tal-irtirar japplika ghal dawk kollha li ghandhom licenzja ta' Foreman. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm ragunijiet oggettivi u ragjonevoli li jiggustifikaw dak it-trattament differenti li kellhom jitqiesu bhala li setghu jigu konsidrati bhala cirkostanzi mahsuba mil-ligi fejn id-*

[27] Sentenza tas-7-11-2011 (PA(Kost.)

*differenza fit-trattament minhabba l-eta` ma kellux jitqies minnu nnifsu bhala diskriminatorju."*[28]

Illi **l-Art 45 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi testwalment li:-

**" (1)** *Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti taghha".*

**Is-subinciz (3)** tal-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu il-kelma "*diskriminatorju"* tfisser "*ghoti ta' trattament differenti li diversi persuni attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont … is-sess li minhabba fiha persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom …".*

Illi pero' sabiex japplika l-istess **artikolu 45 (1)** xorta ma jridx ikun kaz li jaqa' taht is-**subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu,** tant li l-istess subartikolu jaghmel eccezzjoni ghalihom fl-istess **subartikolu (1).**

Illi jrid jinghad ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rose Anne Galea vs L-Onorevoli Prim Ministru**" (Q.K. 11 ta' April 1995) spjegat li:

[28] Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009

*"Il-Kostituzzjoni taghna tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b'mod aktar specifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet ohra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nfisha, li hija kkonsidrata bhala bazi tal-azzjoni u allura m'hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew liberta` fondamentali iehor; m'hemmx bzonn ta' abbinament ta' zewg normi li jiggarantixxu drittijet fundamentali".*

Madanakollu b'riferenza ghall-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali (28 ta' Mejju 1985):**

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

Illi fis-sentenza "**Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Qorti Kost. 17 ta' Frar 1999), il-Qorti irriferiet ghall-awturi van Dijk u van Hoof, b'referenza ghal dan il-passagg mis-sentenza **Abdalaziz**, li spjegaw li:-

*"This formula makes it clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least*

*some kind of relation with the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14"* ***(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Kluwer, 1990, p 536).***

Huwa infatti risaput li persuna "*tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak*[29];(**Victor Spiteri et v Ag et** - PA (Kost) (JRM) tal-25 ta' Settembru 2008 ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1/10/2009).

Illi l-**Artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, jipprovvdi li*:*

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni sostantiva tal-**Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni** u **tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni,** skont kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Katerina Cachia vs**

[29] Harris, O' Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights* (1995), para. 465 –

**Direttur Generali tas-Sahha"** (V.D.G. 11 ta' Awwissu 2000):-

*"l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated*". *Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-uzu tal-kelma "similar" u mhux il-kelma "identical".*

Kif gie mfisser fil-kaz **Wessels-Bergervoet vs the Netherlands** deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 :

"*46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification* (see *Thlimmenos*, cited above, § 44)."

Ukoll fil-kaz **Carson and others v The United Kingdom (*vide ante)*** il-*Grand Chamber* fissret hekk l-artikolu 14:

*"2. The Court has established in its case-law that only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see **Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen v. Denmark**, 7 December 1976, § 56, Series A no. 23). Moreover, in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (see **D.H. and Others v. the Czech Republic** [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, and **Burden v. the United Kingdom** [GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008). Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali definizzjoni tapplika wkoll ghall-artikolu Kostituzzjonali taht ezami**,** u fil-fatt dan l-istess sinifikat gie abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali ghall-kazi li jaqghu taht l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.**

Illi in effetti fis-sentenza **"Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. 17 ta' Frar 1999) inghad li jkun hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali; (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' l-imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi); (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali

trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici, ecc … tal-persuni); jew (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat.

Inoltre` l-istess Qorti kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' diskriminazzjoni taht l**-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** meta precizat illi "*naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu. Jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens, **"Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni**" - Prim Awla, Sede Kost - 14/07/75); **"Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et**" - ga citata). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti".*

Hekk ukoll fil-kaz **Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", Q.K.deciza fis-16 ta' Awwissu 1976** gie ribadit li :

"*Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe` l-kuncett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata…Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport* ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat."[30]

Biex ikun hemm diskriminazzjoni, ghalhekk, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra f'sitwazzjoni simili bhal tieghu ("*analogous situation*"), u li d-differenza fit-trattament kienet minhabba raguni ta' sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika etc. Fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni, ir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 14 huma biss <u>esemplifikattivi</u>, u ghalhekk l-eta` tista' tkun wahda mir-ragunijiet li tista' twassal ghal diskriminazzjoni.

Hawn tajjeb osservat l-ewwel Qorti fil-kaz ta' Victor Spiteri fuq citat li d-diskriminazzjoni abbazi tal-eta` huwa parti mid-

---

[30] Ara a propozitu "***Caccopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et***", Q.K. deciza fl-20 ta' Frar 1987, **"*Debono Grech vs Mizzi et noe*"**, Q.K. deciza fit-3 ta' Frar 1999, u **"*Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar*"**,Q.K. deciza fl-14 ta' Jannar 2004. Illi ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni biss meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

dritt komunitarju[31] li huwa wkoll parti mill-ordinament guridiku Malti[32] fejn distinzjonijiet bażati fuq l-eta` bħala waħda mir-ragunijiet li dwarhom tista' sseħħ diskriminazzjoni – kemm jekk diretta u kif ukoll jekk indiretta – fil-qasam tal-impieg.

Illi inoltre ghandu jinghad li d-dritt enuncjat f'dawn l-artikoli jirreferi mhux biss ghal diskriminazzjoni diretta imma ukoll ghal dik indiretta (*indirect discrimination)* fejn disposizzjoni legali newtrali hija diskriminatorja fl-applikazzjoni taghha.

**Il-kaz odjern**

**Il-Qorti trid tara jekk f'dan il-kaz kienx hemm diskriminazzjoni billi tezamina jekk jirrizultax trattament differenti ta' persuni "*placed in analogous situations*".**

Ir-rikorrenti ssottomettew li b'konsegwenza tar-riforma, illum hemm erba' kwalitajiet ta' licenzja ta' *Foreman*, u cioe`, wiehed li ghandu licenzja li tibqa' tiggedded sal-mewt, ohrajn hadu kumpens sal-eta` ta' 71 sena, id-9 rikorrenti f'din il-kawza sa 61 sena, u dawk il-*Foreman* li ghadhom bil-licenzja li jahdmu fil-koperattiva li "*ghad irid jilhaq wiehed minnhon l-eta` ta' wiehed u sittin biex naraw x'ser jigri dak iz-zmien."*

[31] Ara Direttivi tal-Kunsill 43/2000, 78/2000, 73/2002 u 54/2006 fost l-oħrajn.

[32] Reg. 3(1)(2) u 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi (Avviż Legali 461/04) (LS 452.95) kif emendati bl-A.L. 53/07 u 338/07

Dan ma giex kontradett mill-intimati. Anzi mistoqsi *inter alia* jekk ghal dawk li ghadhom mal-Koperattiva jistghu jibqghu ghaddejjin *a vita* billi l-avviz legali gie rtirat, **Dr Robert Vassallo xehed** li l-artiklu mhux ser jigi infurzat u dawk il-*Foremen* li huma llum membri tal-Koperattiva jibqghu bil-licenzja sakemm jibqghu f'sahhithom.

Fil-kaz ta' Victor Spiteri il-Qorti kkonkludiet li r-rikorrent ma jistax iqies lilu nnifsu fl-istess sitwazzjoni bhal kwalunkwe *self employed* iehor billi kull xoghol ghandu l-karatteristici partikolari tieghu u fil-kaz tar-rikorrent qed nitkellmu fuq licenzja ta' *Foreman* f'kuntest ta' xoghol fil-port. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti t-taqbil kellu jsir ma' persuni ohra li ghandhom licenzja ta' *Foreman* tal-port bhalu u li huma regolati wkoll bil-ligi specjali bhar-rikorrent u hekk ghamlet f'dik is-sentenza u cahhdet it-talba ibbazata fuq allegat diskriminazzjoni.

Illi izda l-kaz odjern hu kemmxejn differenti.

Illi indubbjament ir-riforma tal-port hija mizura li ghandha *an objective and reasonable justification* ghat-trattament differenti, anke jekk din tasal ghar-riduzzjoni tan-numru tal-*Foremen* tal-haddiema tal-port. Izda l-kwistjoni odjerna llum inbiddlet u r-rikorrenti odjerni huma zvantaggjati meta mqabbla ma' *Foremen* ohra tal-haddiema tal-port f'kuntest fejn ir-riforma kkontemplata bl-Avviz Legali 437/2007 giet dikjarata *ultra vires* u lesiva tad-dritt ta' proprjeta`.

Isegwi li ghandhom ragun ir-rikorrenti jqajmu bhala punt ta' riferiment il-kaz ta' **Anthony Attard et** u ta' **Victor Spiteri et.** Dawn is-sentenzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, biddlu n-narrativa fattwali u legali fil-kuntest tad-dritt in konsiderazzjoni. Antecedentement ghal dawn is-sentenzi l-*Foremen* kienu kollha fl-istess sitwazzjoni billi l-eta` ta' rtirar giet imposta fuq kollha minghajr distinzjoni. Izda llum il-konkluzjoni milhuqa dwar l-Avviz Legali imsemmi mill-oghla organu gudizzjarju tal-pajjiz tirrendi null u bla effett l-emenda legali u l-iskema istitwita retroattivament *ex tunc* u mhux *ex nunc*. B'hekk dak li sehh bl-implementazzjoni u b'effett ta' dak l-Avviz Legali ghandu jitqies li twettaq illegalment u bi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta` tar-rikorrenti oderni.

Bhala konsegwenza, r-rikorrenti qed isofru mhux biss it-telfa tal-licenzja taghhom imma anke in-nuqqas ta' konfort ta' kumpens xieraq billi dak lilhom imhallas hu ferm inferjuri fil-kalkolu ghal dak aggudikat mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan gie ikkalkuat fuq perjodu sakemm il-*Foremen* jaghqlu l-eta` ta' 71 sena, u mhux 61, u ghandu jitqies bhala fattur iehor differenzjali b'applikazzjoni tal-principju ta' *restitutio in integrum.*

Illi fid-dawl tal-premess ma jistax jitqies li d-differenza fit-trattament li qed isofru r-rikorrenti f'dak li jirrigwarda t-tehid tal-licenzja ta' *Foreman* u l-kumpens offrut huwa dovut ghall-mizura li hija oggettivament legittima u ragjonevoli in kwantu qed isofru minhabba l-applikazzjoni ta' mizura li hija

meqjusa leziva tad-drittijiet ta' *Foremen* tal-haddiema tal-port.

Din it-talba hija ghaldaqstant gustifikata.

**Kumpens**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kumpens gja mhallas u l-oppozizzjoni tal-intimati fis-sens li xejn aktar hu dovut, ikkonsidrat li l-kumpens aggudikat mill-Qorti Kostituzzjonali u dak imhallas lir-rikorrenti b'applikazzjoni tal-iskema tal-irtirar (mahruga in segwitu ghall-A.L.437/2007) huwa fattur differenzjali bejn il-*Foremen* f'din il-kawza, u l-*Foremen* fil-kaz ta' Attard et. Inoltre, l-*Foremen* attwali u anke Victor Spiteri baqghu igawdu l-licenzja bil-vantaggi kollha ta' a) dhul sostanzjali u b) dinjita' tax-xoghol.

Illi jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti kollha li jinsistu li ma kellhomx ghazla u kienu kostretti (*indirettament)* li jaccettaw l-iskema tal-irtirar kmieni. Uhud minnhom xehedu li l-Ministru kkoncernat mill-portijiet f'laqqha minnhom, qalilhom li l-licenzja ma kinetx sejra tiggedded u li minn dakinhar tal-ftehim, kull wiehed mill-*Foremen* li jaghlaq il-wiehed u sittin sena kien ser jigi sfurzat jirtira u tintilef xorta wahda l-licenzja relattiva. Xehedu wkoll li l-fatt li huma ma kienux litigjuzi u bezghu johduha kontra l-Gvern ma ghandux jippregudikahom.

Madanakollu l-Qorti ghalkemm taqbel li jekk mizura hija illegali u abbuziva, jinkombi fuq l-istat li jirrimedja u mhux

fuq il-parti imwegga' li tiggieled ghad-drittijiet taghha, fil-kaz odjern mhix konvinta li d-decizjoni tar-rikorrenti li jaccettaw l-offerta kienet motivita mill-konsiderazzjoni ta' telf ta' licenzja kif ser jigi spjegat.

Illi jirrizulta mid-dokumenti esebiti li r-rikorrenti kienu qed jiddikjaraw dhul ta' Lm13,100 fis-sena u anke iktar fil-kaz tas-*ship Foremen* fis-snin li pprecedew ir-riforma. Din ir-riforma xorta kienet tippermettilhom ikomplu jahdmu sal-eta` ta' 61 u f'tali kaz ma hemm xejn fil-provi li jista' jinduci lil din il-Qorti li tikkonkludi li d-dhul taghhom kien ser ivarja drastikament li kieku komplew jahdmu u ma accettawx l-iskema offruta. Il-kumpens offrut u accettat ta' Lm8000 ghal kull sena li faddlilhom sakemm jaghlqu l-eta` ta' irtirar hu ferm inferjuri ghad-dhul regolari il kienu jiddikjaraw. Ghalhekk kellhom l-ghazla, jekk riedu, li jkomplu jahdmu sal-eta` ta' 61, jgawdu d-dinjita' tax-xoghol taghhom almenu ghas-snin li fadal u jdahhlu introjtu sostanzjal sakemm jirtiraw.

Dan premess, izda, il-Qorti lanqas tista' taccetta t-tezi tal-intimati li l-accettazzjoni tar-rikorrenti taghlaq kull bieb legali ghar-rimedju gust u xieraq fil-kuntest tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Huwa minnu li l-hlas jestingwi l-obbligazzjoni imma anke fil-kamp civili, ir-rinunzja ghandha tkun cara u inekwivoka. Tali rinunzja ma tirrizultax mid-dokumenti iffirmati mir-rikorrenti fejn accettaw l-iskema-*multo magis* fejn ir-rinunzja tirreferi ghad-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, li huma irrinunzjabbli.

**Victim Status**

Din il-qorti tqies li hi rilevanti ghall-konsiderazzjonijiet legali taghha f'dan il-kaz li taghmel riferenza ghall-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Ewropea tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti gja rcevew kumpens ghat-tehid tal-licenzja fil-kuntest tal-iskema tal-irtirar.

Fil-kaz ta' **Louis Apap Bologna and others vs Malta deciza mill-EctHR fit-30 ta' Awwissu 2016,** gie ritenut hekk:

*"3. The Court reiterates that the adoption of a measure favorable to the applicant by the domestic authorities will deprive the applicant of victim status only if the violation is acknowledged expressly, or at least in substance, and is subsequently redressed (see Scordino v. Italy (no. 1) [GC], no. 36813/97, §§ 178 et seq. and § 193, ECHR 2006-V, and Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 50, ECHR 1999-VII). Whether the redress given is effective will depend, among other things, on the nature of the right alleged to have been breached, the reasons given for the decision and the persistence of the unfavorable consequences for the person concerned after that decision (see Oliari and Others v. Italy, nos. 18766/11 and 36030/11, § 78, 21 July 2015). The redress afforded must be appropriate and sufficient. Whether an individual has victim status may also depend on the amount of compensation awarded by the domestic courts and the*

*effectiveness (including the promptness) of the remedy affording the award (see Paplauskienė v. Lithuania, no. 31102/06, § 51, 14 October 2014)."*

Fil-kaz odjern ma kienx hemm tali rikonoxximent precedenti filwaqt li l-kwistjoni tar-rimedju gust u effettiv ghad irid jigi kkunsidrat.

Illi din il-Qorti ma tara l-ebda impediment li r-rikorrenti jitpoggew fuq l-istess keffa mar-rikorrenti fil-kaz ta' Attard *et* ghall-fini ta' kumpens billi taddotta bhala taghha l-kalkoli tal-Qorti f'dak il-kaz ghal dak li jirrigwarda l-*multiplier* tas-snin rimanenti sal-eta` ta' 71 sena. Ghalhekk hija tal-fehma li r-rikorrenti odjerni ghandhom jinghataw kumpens ikkalkolat sakemm jilhqu l-eta` ta' 71 sena jew parti mill-istess (*or part thereof).*

Madanakollu ghal dak li jirrigwarda l-ammont pagabbli ghal kull sena, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-rikorrenti accettaw €18,635 (Lm8000) fis-sena meta kienu qed idahhlu Lm13000 fis-sena. Jghidu x'jghidu ma kien hemm xejn li zammhom milli jkomplu jahdmu ghas-snin li fadal ghall-paga oghla mill-kumpens imhallas. Lanqas tista' tinjora li bl-accettazzjoni tal-iskema thallsu somma kapitali f'salt minghajr il-htiega li jkomplu jahdmu u din is-somma ghalhekk kienet zgurata jigri x'jigri.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser tillikwida l-kumpens effettiv segwenti pagabbli lir-rikorrenti individwalment fir-rata ta' €18,635 (Lm8000) fis-sena ghal

kull sena minn meta ghalqu 61 sakemm ghalqu 71 u cioe` ghall-ghaxar snin fl-ammont komplessiv ta' €186,350 ghal kull wiehed minnhom.

**Kumpens Non Pekunjarji**

Illi r-rikorrenti ma ghamlux talba *ut sic* ghall-kumpens non pekunjarju ghad-danni morali. Madanakollu talbu lil din il-qorti fil-kompetenza taghha biex taghti kull rimedju li jidrilha xieraq.

Il-Qorti tqis li l-effett tal-Avviz Legali huwa t-tehid prematur tal-licenzja mal-gheluq ta' eta` ta' 61. Ghal dawn il-*Foremen*, dan qeghdhom fi zvantagg billi kienet konswetudinali ghall-*Foremen* fil-port li jkomplu jahdmu anke sakemm joqorbu l-eta` ta' 80 sena.

Huma xehedu li ma kienux kapaci jaghmlu xoghol iehor billi ghexu hajjithom il-port. Sahansitra wiehed minnhom, Mario Spiteri, xehed li spicca bil-kalmanti.

Illi l-qorti tqies li kellhom aspettattitva konkreta li jkomplu jahdmu u li hassew li d-dinjita' taghhom kienet tiddependi fuq ix-xoghol li kellhom.

Ghaldaqstant ser tillikwida danni non-pekunjarji fl-ammont ta' elfejn ewro (€2000) kull wiehed b'zieda mal-kumpens pekunjarju.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet u tiddisponi mit-talbiet skont kif gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi l-licenzja bhala *Foremen* tal-Haddiema tal-Port, li kellhom ir-rikorrenti hija 'possediment' ghall-fini tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li n-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja fil-konfront tar-rikorrenti jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif imhares taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. **Tilqa' t-tielet talba** fis-sens li tiddikjara illi r-rikorrenti gew diskriminati meta mqabbla ma' diversi *Foremen* ohra bhalhom li jew regghet iggedditilhom il-licenzja jew inghataw kumpens xieraq li jirrispekkja t-telf ta' qligh taghhom sal-eta` ta' wiehed u sebghin sena u dan bi ksur car tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni meta mehudin flimkien mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll;

4. **Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-Gvern ta' Malta kif rapprezentat mill-intimat l-**Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura** sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u sitta' u tmenin elf, tliet mija u hamsin ewro (€186,350) kull wiehed minnhom bhala kumpens ghat-telf tal-licenzja u qligh kif ukoll somma ulterjuri ta'elfejn ewro (€2,000) kull wiehed bhala kumpens ghad-danni non-pekunjarji, bl-imghax li jibda jghodd minn xahar mil-lum.

5. Ghal fini tal**-hames talba** dan il-hlas ghandu jsir fi zmien li qed jigi perentorjament stabbilit ta' xahar mil-lum.

**L-ispejjez huma a karigu tal-intimati b'dan li l-ispejjez tal-intimat li gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**13 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Ottubru 2016**